Marzu 2006 • Vol 13 • Nru.1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp






## *Fil-Paġni ta' ġewwa*


- It-Taqsima tas-Cyber Crime u t-Taqsima ta' l-Istatistika
- Busker jew Street hawker
- L-Impenn tal-Korp tal-Pulizija waqt iċ-CHOGM
- L-Assoċċjazzjoni tal-Pulizija u l-pensjoni

*u aktar...*


**Newspaper Post**

# trid taħseb fil-futur tiegħek?

## what about your future?

# msv single premium plan

L-MSV Single Premium Plan hija polza mahruġa speċifikament għall-investitur Malti li jkun jixtieq li flusu ikunu fis-sod, waqt li fl'istess hin jaqla rata ta' imghaxx li tkun ahjar minn dik offruta f'kontijiet ta' tfaddil.

Din il-polza hija idejali ghal-min jixtieq jibda jaħseb ghal-meta jiġi biex jirtira kif ukoll ghal-min jixtieq iġemma xi haġa ghat-tfal. F'din il-polza tista' tinvesti somma flus darba minghajr ma' tkun obbligat li titfa aktar flus. Minbarra f'hekk ikollok l'għażla li tiġbed l-imghaxx iddikjarat.



The MSV Single Premium Plan is a policy specifically designed for the Maltese investor whose aim is to have his investment managed with the lowest risk possible, whilst at the same time benefiting from a higher return than the current low interest offered on interest-bearing savings accounts.

This policy is ideal for those who would like to start planning for their retirement and also for those who wish to put aside some money for their children. This policy permits a one-time lump sum investment, without any obligation to contribute further. Withdrawals of the declared bonuses are also allowed.

Ghal aktar informazzjoni w appuntament bla obbligu ta' xejn fil-kumdita' ta' darek ċempel lir-ROCS issa:
For more information and a no obligation appointment in the comfort of your home kindly call ROCS on:

## (356) 2152 4123

ROCS

ROCS House, 21 Main Street,
Mellieha MLH06, Malta - Europe
Tel: (356) 2152 4123
Fax: (356) 2152 3869
Email: info@rocsfs.com

COM 0606058

MIDDLESEA VALLETTA LIFE
Assurance Company Limited
Middlesea House, Floriana

L-msv single premium plan hija polza tal-assigurazzjoni fuq il-hajja mahruġa w sottoskritta mill-Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd. Il-Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd. hija liċenzjata sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (1994) u awtorizzata sabiex tmexxi kummerċ fit-tul taht l-Att Dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (1998). ROCS Co. Ltd. huma sotto-aġenti awtorizzati tal-Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd. u Middlesea Insurance plc, liema kumpaniji huma lkoll regolati mill-Malta Financial Services Authority.

Marzu 2006 • Vol 13 • Nru.1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 European Counsil of Police

7 Drinn Drinn 7

9 Għodda ġdida għal Korp tal-Pulizija

13 Il-Pulizija tiproteġi lil min aggrediha

15 Busker jew Street hawker

17 Apprezzament

18 It-Tarka taċ-Ċittadin

21 Messaġġ mill-kappillan tal-Korp

22 Kliem ix-xiħ żomm fih

25 It-Taqsima tas-Cyber Crime u t-Taqsima ta' l-Istatistika

29 CHOGM

39 Kompetizjoni

40 Tribute to our heroes

43 Xogħol ta' manutenzjoni mill-membri tal-korp

48 L-Assoċċjazzjoni tal-Pulizija u l-pensjoni

50 Lill-Kollega u Ħabib Mark Farruga

51 Parteċipazjoni ta' Pulizija Malti fin-nofs maratona ġewwa Rotterdam

53 In-namur għal-Tila

54 Attivitajiet tal-Milied 2005

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

Ritratt: Il-parteċipazjoni tal-Banda tal-Pulizija waqt il-konsagrazzjoni ta' l-Eċċelenza Tiegħu il-Monsinjur Mario Grech

Hajr lit-Times of Malta tar-ritratt

© C.M.R.U. Police Headquarters, Marzu 2006

# Editorjal

Hija ħaġa sabiħa meta tisma' l-kelma grazzi. Bħas-soltu, nixtieq naqsam esperjenza li kelli ftit ilu waqt li kont fi skola. Kif spiċċat it-taħdita fuq il-karrieri u kont ħierġa sabiex nitlaq, ġiet studenta u qaltli 'Grazzi ta' dak kollu li tagħmlu, u prosit tassew talli ma tħallux il-frotta titnawwar'. Kliem bħal dan ngħid il-verita' ma stennejtux f'mitt qamar speċjalment minn tifla ta' erbatx-il sena, u wisq iktar il-mod kif intqalet. Ir-risposta tiegħi kienet xottisima, 'Dak huwa d-dover tagħna, aħna qegħdin hemm sabiex nipprotteġu s-soċjeta".

Ta' kurjuża' li jien saqsejta x'riedet tfisser bit-tieni parti tal-kumment tagħha. Mingħajr ebda tlaqliq qaltli 'l-uniformi tiġbed l-għajn u l-eżempju jkaxkar'. Ngħid il-verita' nksirt għax ħsibt li għandha raġun, imma raġun ta' x'hiex? Erġajt saqsejt u fost l-eżempji li tatni kien hemm li: Pulizija jpejpu bl-uniformi fit-triq; Pulizija f'karozzi privati u bl-uniformi mingħajr seat belt; u skond hija, attitudi ta' sovranita' għax bl-uniformi. Pero' skond din l-istudenta dan kollu xorta ma jtappanx ix-xogħol siewi li jsir mill-membri l-oħra tal-Korp.

Tgħid din l-istudenta għandha raġun? Dak il-ħin pruvajt niġbor ftit ġieħi, imma meta wieħed jieqaf u jaħseb, ftit raġun insibu f'dawn il-kummenti, u dan mingħajr ma nidħol fl-ebda polemika. Ikun tajjeb kieku f'dan il-Magazine inżommu rokna fejn wieħed jiddiskuti materji bħal dawn, basta l-kummenti jkunu kostruttivi.

Dawk il-membri li għandhom xi passatemp u jixtiequ jaqsmuh mal-membri tal-Korp, iċemplu l-Uffiċju tas-CMRU għal aktar dettalji, kif ukoll dawk kollha li għadhom mhux jirċievu l-istess Magazine. F'Jannar bagħtna ittri lil dawk li l-ħarġa ta' Diċembru ġiet lura għandna flok għandhom. B'dispjaċir ngħid li lanqas kwart ma ċemplulna lura!

Nixtieq infakkar illi bħas-snin preċedenti fis-Sala Vilhena ser titella' l-mejda ta' l-Appostli, li bi pjaċir ngħid daħlet ukoll fil-kalendarju liturġiku, kif ukoll il-funzjonijiet marbutin mal-Ġimgħa l-Kbira.

Saħħiet

Disinn u riklamar

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**







## Benefiċċju għal Mard Kritiku

**Għandna l-protezzjoni li sserahhlek moħħok finanzjarjament.**

Il-ħajja fiha ħafna riskji u qatt ma tista' tkun ċert li kollox ser imur kif ippjanajt. Kif taħseb li tintlaqat finanzjarjament il-familja tiegħek kieku kellek issofri marda serja jew diżabbiltà li ma tħallikx tkompli taħdem? Aħna nistgħu noffrulek soluzzjoni sempliċi u adattata għall-but ta' kulħadd li tipprovdilek protezzjoni finanzjarja.

Il-Benefiċċju għall-Mard Kritiku huwa protezzjoni oħra li noffru mal-poloz ta' primjum regolari ta' l-HSBC Life u jipprovdi lilek u lill-familja tiegħek is-sigurtà finanzjarja li jkollok bżonn f'ċirkostanzi ta' ċertu mard jew diżabbiltà. Wara kollox fil-ħajja trid taħseb fil-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx!

- **Mur** fl-eqreb fergħa
- **Ċempel** 2380 2380
- **Żur** hsbc.com.mt

HSBC

Bank dinji, bank lokali

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. hija awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanazjarji ta' Malta biex tmexxi kummerċ fit-tul u hija liċenzjata biex tipprovdi servizzi ta' investiment. HSBC Bank Malta p.l.c. huwa sub-aġent ta' l-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

*Maħruġ mill-HSBC Life Assurance (Malta) Ltd., Hexagon House, Spencer Gardens, Blata l-Bajda HMR12*



PS 496 G. Borg
9 Distrett

# European Council of Police - C.E.S.P.

With reference to the piaid article published on the December 2005 Police Magazine, on page 14, with the heading " Eurocop u l-interessi tal-Pulizija Ewropej ", signed by Mr. Carmel Attard Ass. Head MIC, I would like to take this opportunity, to inform all members of the Police Force who are also members of the Malta Police Association (MPA), and all others concerned, that our Association is already a member of a European Organisation, called C.E.S.P, which stands for, European Council of Police Unions.

This Organisation was founded in 1988, and is made up of about 300,000 Police Officers, all coming from 18 different European countries.

In the year 1991, C.E.S.P, was officially recognised by the Council of Europe as a Non Governmental Organisation with a consultative status, and is a member of the Joint Commission of the NGO since 1998.

C.E.S.P is based in Lyon, France (Web Site www.cespolice.org) .The two main languages for C.E.S.P are English and French. Members of the C.E.S.P meet on an equal level and quantity does not replace quality. Each country has 1 vote irrelevant from its size.

C.E.S.P, is working hard to implement real police co-operation free from political considerations. As well C.E.S.P is attached to the idea that the Trade-Union freedom in the Police should be respected in every country of Europe. In fact most of the Police forces linked with C.E.S.P, enjoys the right to be Trade-union members.

C.E.S.P claims the right to make hear the voice of its 300,000 professionals of the security around all Europe. C.E.S.P also believes strongly that Police Trade-Unionism must be a necessary counter-power to avoid abuse of the Police by a Government.

May I also mention that EuroCop, on several occasions invited MPA for their conferences but due to certain circumstances we failed to attend so far.

During the General Conference which was held in Gdansk Poland in May 2004, the Executive Bureau, having regarding the number of paid members within its Organisation, decided to request the E.U. appropriate authorities to be granted a representative status within the E.U., to contribute in discussions relating to the relative areas of Police matters. For this main reason the Executive Bureau decided to set up a commission for E.U. affairs within C.E.S.P to discuss and submit proposals regarding Police issues to other E.U. competent bodies of expertise.

It is my pleasure to inform everyone that the active participation of MPA members (Godwin Borg PS 496 & and Martin Pace PC24) during that General Conference, together with the commitment shown, led the Executive Bureau to include Malta Police Association as one of the four members forming the Commission for European Affairs (C.E.A), together with Netherlands, Slovenia and under the Presidency of Germany, as unanimously agreed. No doubt, this was a great achievement for Malta Police Association and a great honour for us to represent Malta on this Commission.

The first meeting of the CEA was held in Germany in July, 2004, followed by other meetings in the Netherlands, Slovenia, and finally in our country in February, 2005. The meeting of the C.E.A in Malta was a success by the quality of the discussions and of the works which were led. MPA proved its availability and showed its full commitment. C.E.A was also honoured by the presence of our Commissioner Mr. John Rizzo, who also delivered a very interesting message, and from here I wish to thank him for his support to make it possible for us to attend and organise such meetings.

During these interesting meetings we agreed to form a common understanding of the foundation principles of C.E.S.P.. We felt the necessity to distinguish between the objectives of C.E.S.P and the ways and means to achieve them. The future of C.E.S.P depends indeed on the engagement of its members.

MPA however made it clear that C.E.S,P should immediately seek to achieve direct contacts with the E.U high authorities, in fact talks regarding the Police work and conditions have commenced.

As you may understand due to lack of space it is not possible to publish any reports regarding MPA involvement in C.E.S.P on this magazine, but we are trying our best to publish some reports on our website at www.mpa.org.net.

Dear colleagues if anyone feels to ask any queries please do not hesitate to do so.

Godwin Borg
Chairman MPA.

# **BOV** 24x7 Pays U




## less = **more**

Good News! Now, by using the **BOV 24x7 Services** you will spend less time, have less paperwork and less expenses, and in return you will be entitled to get **more money**.*



10c reward
- **Payment** of bills
- **Swift transfers**

5c reward
- **Payments** to third parties
- **Foreign drafts/bills payable** ordered
- **Deposits** in a BOV credit card account

3c reward
- **Payments** effected through a BOV Card

www.bov.com • customercare@bov.com • 2131 2020

* Terms and Conditions apply.

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 04 - Malta*

BOV
Bank of Valletta
*your Success, our Goal*



Supt P. P. Zammit
Prosecution Unit

# Drinn Drinn 7

*Hello, Prosecutions Unit.*

Sir, għandi problema!!!!

*X'kien? għidli Surġent x'inqala?*

Dik l-imbierka kwerela, min jgħidli ħaġa, min jgħidli oħra....!!!

*Ara Surġent, l-ewwel niġu għal każ partikolari li għandek u minn hemm immorru għal priedka tal-lum.*

Sir, kelli sinjura li selfet lill-ġara .. ser tidħaq sir, imma jien insibhom..... xkupa u pala.

*Din isbaħ, ħu paċenzja bija, ejjew nibdew mill-bidu nett ta' l-istorja.*

Li ġara hu dan, is-sinjura f'dan il-każ toqgħod fi blokk ta' flats u jum fost l-oħrajn il-flat ta' faċċata tbattal u daħlet din il-persuna li ser insejħulha l-ġara. Din ma kellhiex għodda biex tnaddaf u talbet lis-sinjura isselifa ftit il-pala u l-ixkupa. Is-sinjura ta' qalb tajba li hija, selfitilha l-pala u l-ixkupa. Dan ilhu li seħħ madwar xahar, iżda l-ġara ma rritornatx lura dak li sselfet għalkemm kemm-il darba ntalbet mis-sinjura.

Issa din is-sinjura qed tixba' f'din is-sitwazzjoni u trid li tieħu passi kriminali kontra l-ġara. Meta jien rajt ftit il-liġi sibt li dan huwa każ ta' misappropriazzjoni imma dan jirrikjedi l-kwerela. Hawn il-bużillis, min jgħidli li nibagħtu lis-sinjura għand avukat, u min jgħidli li din tiktibha s-sinjura. Ma nixtieqx li nidhru l-Qorti għax ara kemm jidħku dwar il-pala u l-ixkupa.

Qabel ma tgħidli, ħa ngħidlek li jien kellimt ukoll lil ġara u din qed tgħid li dawk is-sinjura tagħtomlha mhux silfitomla u għaldastant ma hemmx x'tirritorna lura. Jekk nibgħat lis-sinjura għand avukat inkun qed inneffaqha xi għaxar liri għal lira pala u xkupa, u ma nħossx li huwa tajjeb. Jekk nitlobha tiktibli kwerela din miskina ma tafx tikteb. X'nista' nagħmel?

*Mela, ħa nibdew bit-tajjeb li sar u forsi nikkoreġu ftit dak li mhux daqstant tajjeb. Il-parti tiegħek li tipprova ssolvi l-problema u dan billi kellimt lil ġara hija rikjesta mill-liġi fis-sens li qabel ma tieħu xi passi int obligat tinvestiga u f'dan il-każ int investigajt u rriżultalek li hemm kontestazzjoni dwar jekk kienx self jew għotja.*

*Issa l-każ tiegħek qiegħeq ixaqleb bejn misappropriazzjoni u raggion fattasi. Kif tajjeb indikajt il-misappropriјazzjoni tirrikjedi l-kwerela. Din il-kwerela hija spjegata sew fl-artikoli 537, 538 u 539 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-qosor dawk l-artikoli jgħidu li min qiegħed jagħmel il-kwerela irid jagħmilha bil-miktub, u jekk ma jafx jikteb għandu jiktibha l-Pulizija u jiffirma l-kwerelant. Żgur li ma hux korrett li tibgħata għand avukat sabiex jagħmlilha kwerela. Xogħolna hu li nagħtu servizz u f'każijiet urġenti il-Liġi tgħid li għandna nieħdu passi anke fuq kwerela verbali, basta wara din il-kwerela ssir bil-kitba kif rikjesta bil-liġi. Mela kif sewwa ħassejt lil dik is-sinjura ma għandikx tneffaqha flus biex tagħmel kwerela iżda' ġaladarba ma tafx tikteb, iktibilha int il-kwerela.*

Imma....

*Stenna ftit. Kwerela ma hiex xi kuntratt żul minn hawn, din hija sempliċi talba tal-parti offiża lil Pulizija sabiex il-Pulizija tinvestiga u jekk issib lil persuna responsabbli, il-Pulizija hija mitluba li tressaq lil dik il-pesuna l-Qorti. Għalhekk il-kwerela għandha tintkiteb hekk: Għandek biro ħa tikteb?*

Iva sir għidli...

*Jiena, (niżżel isem is-sinjura, l-indirizz u l-karta ta' l-identita' tagħha) qegħda nitlob lill-Pulizija, sabiex dwar ir-rapport li jiena għamilt illum, (niżżel id-data) dwar misappropjazzjoni ta' ħwejġi minn (niżżel isem il-ġara) qegħda nitlob lill-Pulizija tinvestiga u tieħu dawk il-passi skond il-liġi.*

*Imbgħad aqraha sewwa lis-sinjura, fehmielha sew, u itlobha tiffirmalek. Hekk il-kwerela lesta. Issa a rigward l-akkużi kontra l-ġara, ġaladarba għandek xi ftit konflitt, ser ikollok toħroġ żewġ akkużi kontra l-ġara, u ċioe', kif tajjeb indikajt, waħda ta' misappropriazzjoni u l-oħra ta' raggion fattasi.*

Grazzi sir.

*Stenna, stenna, issa jmiss il-priedka. Din tal-kwerela tgħodd għal kull kwerela li trid il-liġi, fosthom il-kontravenzjonijiet taħt l-Artikolu 339, id-(d), (e), (l) u (o), il-feriti ħfief, kemm dawk volontarji u dawk aċċidentali, il-ħsara kemm volontarja u kemm dik aċċidentali li ma taqbiż il-ħamsin lira (basta mhix ħsara fi propjeta' pubblika), kif ukoll fis-serq meta jsir kontra l-ħwejjeġ ta' l-axxendent jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-aħwa, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, fil-qosor meta jsir mill-wild kontra l-ġenitur, bejn l-aħwa u bejn il-qraba indaqs.*

*Is-serq tal-kurrent eletriku wkoll illum sar bil-kwerela, din id-darba il-kwerela ser jiġu biha lesti tal-Korporazzjoni Enemalta u jifrankawlek toqgħod tikteb. Hemm ukoll il-kwerela fir-reati ta' stupru, attentat vjolenti għal pudur u serq ta' persuna meta dawn ma jkunux ma reati oħra li jolqtu l-ordni pubblika, jew isiru bi vjolenza pubblika (ċioe' minn tlieta min-nies jew aktar u tnejn minnhom ikunu armati b'armi regolari). Kif qed tara hemm diversi każijiet li jinħtieġu l-kwerela iżda żgur li ma jinħtieġx il-kwerela ir-reat ta' raggion fattasi, dan huwa reat ex uffiċju għax huwa reat li jolqot l-ordni pubblika minnu nnifsu.*

*Ta' l-aħħar. Dawn ir-reati suġġetti għal kwerela barra s-serq ta' kurrent eletriku, jistgħu jittieħdu passi fihom ukoll jekk il-persuna konċernata ma tagħmilx talba biex jieqfu – l-hekk ımsejha waiver- fi żmien erbat ijiem minn dak inhar li jkun sar ir-reat. Importanti li niftakru wkoll li l-kwerela tista' tiġi rtirata mill-persuna li għamlitha sa' l-aħħar mument tal-kawża anke fl-appell.*

Grażżi Sir, anke tal-priedka, tikber u titgħallem.

Xogħoli surġent, kif dejjem ngħid, il-mistoqsija oħt il-għerf.




Aplan Centre, B'kara by pass, B'kara. Tel: 2148 0590

**Real quality, affordable quality... but above all quality that stands the test of time.**

Enter the Scavolini kitchen world with Aplan. Visit our showroom where our consultants are at hand to help you appreciate the design and high-tech features found exclusively on Scavolini's new kitchen models. You'll be amazed to find that a Scavolini kitchen costs much less than you imagined.

aplan

# Għodda ġdida għall-Korp tal-Pulizija

### Karozzi ġodda għall-Korp tal-Pulizija

Wara li saret sejħa pubblika għall-offerti għax-xiri ta' vetturi ġodda għal-Korp tal-Pulizija, il-kumpanija Gasan Enterprises Ltd. rebħet il-kuntratt għal-xiri ta' sitta u għoxrin vettura tat-tip Ford Focus 1.6 100PS 'Comfort'. Għoxrin minn dawn il-vetturi kellhom ikunu tat-tip hatchback, filwaqt li l-bqija kellhom ikunu tat-tip salloon. Bħala ġest ta' rikonixximent, il-kumpanija Gasan Enterprises Ltd. għażlet li tgħati vettura oħra ta' mudell hatchback bħala donazzjoni lill-Korp tal-Pulizija. Dawn il-vetturi ġew immanifatturati ġewwa l-impjant tal-Ford ġo Valencia fi Spanja.

Il-Ford Focus 1.6 Comfort tesa' ħames persuni u għandha magna fuel injected petrol 'Zetec',16HP u erba' ċilindri. Dawn il-vetturi jistgħu jaċċeleraw minn 0 sa 60 mph f'10.6 sekondi u jilħqu speed massimu ta' 117mph. Il-vetturi huma mgħammra ukoll b'żewġ airbags fuq quddiem, sistema ta' l-ABS, power assisted steering, engine immobolizer u remote central locking fost affarijiet oħra.







Għoxrin minn dawn il-vetturi ġew attrezzati għall-użu tal-Mobile Squad. Ġie deċiż li dawn il-vetturi jiġu mgħammra b'materjal sabiex ikunu jidhru aktar fit-triq u dan għaliex fil-passat il-vetturi ta' din l-Iskwadra ġieli kienu involuti f'kollużjonijiet waqt li tkun qed tiġi segwita xi vettura suspettuża jew waqt li l-vetturi jkunu wieqfa mal-ġenb tat-triq. Għalhekk apparti l-istrixxa tradizzjonali ta' kulur blu skur mal-ġenb tal-vetturi ġie użat ukoll madwar il-vettura kollha, materjal li jirrifletti, kemm matul il-ġurnata kif ukoll bil-lejl. Kull vettura hija faċilment identifikata permezz tan-numru ta' dik il-unit, kemm mal-ġnub kif ukoll fuq is-saqaf. In-numri fuq is-saqaf huma kbar ħafna bl-intenzjoni li jkun hemm ko-ordinament aħjar meta jkun hemm bżonn ta' assistenza mill-ajru.







Dawn il-vetturi Ford Focus li qed jiġu użati mill-Mobile Squad ġew attrezzati b'terrestrial tracking system minn DataTrak Ltd. li tinkludi ukoll silent alarm. Meta din l-alarm tiġi attivata, il-Kamra tal-Kontroll ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija awtomatikament tkun qed tiġi infurmata li l-Pulizija ta' dik il-vettura jkollhom bżonn assistenza urġenti. Id-dwal fuq is-saqaf jinkludi erba' direct drive rotating beacon lights, par alley lights u sirena. Minħabba l-fatt li dawn il-vetturi ħafna drabi jkunu l-ewwel fuq il-post ta' xi inċident, dawn ġew mgħammra b'affarijiet li jkunu jistgħu jintużaw f'każijiet ta' emerġenza u anke biex tiġi ppreservata x-xena ta' xi reat kriminali.

### Muturi ġodda għat-Taqsima tat-Traffiku

F'dawn l-aħħar xhur it-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija bdiet tagħmel użu minn flotta ta' tmien muturi ġodda ta' l-għamla Yamaha FJR1300. Il-preparamenti biex jinġiebu dawn il-muturi kien ilhom li bdew xhur qabel il-laqgħa taċ-CHOGM li saret f'Malta. Kienet xewqa tal-Kummissarju s-Sur John Rizzo li dawn il-muturi jaslu fil-ħin biex b'hekk ikunu jistgħu jintużaw għal dak l-avveniment u hekk fil-fatt seħħ. Ix-xogħol li sar kollettivament ta l-frott meħtieġ biex b'hekk dawn il-muturi setgħu jitlestew fiż-żmien stipulat. Bl-akkwist ta' dawn il-muturi il-Korp għall-ewwel darba għandu muturi ta' daqshekk saħħa jiġifieri 1300cc. Dawn il-muturi għandhom adjustable windscreen eletronika, flimkien ma' seat li jagħmel is-sewwieq iktar komdu speċjalment meta jkun xogħol għal sigħtat twal. Dawn il-muturi għandhom magna b'saħħitha ħafna, 16 valve, erba' ċilindri b'massimu ta' 143.5bhp, flimkien ma' twin balance shaft. Għal dak li huwa immaniġġjar aħjar u bla tbatija għas-sewwieq, il-muturi jgawdu minn



vantaġġ ta' chassis magħmul minn aluminium flimkien ma' telescpoic front forks u suspension tremenda. Għandhom magna fuel injection kif ukoll ekonomika. Għal dik li hija sigurta' għas-sewwieq dawn il-muturi jofru dan ukoll.

Il-membri kollha ta' din tat-Taqsima tat-Traffiku ingħataw taħriġ dwar dawn il-muturi biex b'hekk kull membru jkollu l-massimu ta' tagħlim fuq dawn il-muturi. It-taħriġ ingħata kollu minn għalliema Ġappuniżi wara li l-kumpanija Gasan intrabtet li tipprovdi dan it-taħriġ. L-għalliema kellhom kliem ta' tifħir għal kull membru ta' din it-taqsima fejn wara tqassmu ukoll ċertifikati. It-taħriġ kien mifrux fuq ġimgħa sħiħa u sar ġewwa l-compound tal-Pulizija f'St. Andrews.

Biż-żieda ta' dawn il-muturi Yamaha 1300cc, il-flotta tal-muturi tat-Taqsima tat-Traffiku kibret mhux ħażin. Il-flotta ta' din it-taqsima tinkludi ukoll għadd ta' muturi oħra ta' l-għamla BMW 800cc, Yamaha 400cc u Kawasaki 400cc.

**Dgħajsa oħra għall-A.L.E.**

L-Iskwadra ta' l-A.L.E. tal-Pulizija ftit tax-xhur ilu akkwistat dgħajsa oħra għall-użu fix-xogħol tagħha fuq il-baħar. Id-dgħajsa kienet miżmuma mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija fl-1997 b'konnessjoni ma' każ ta' droga. Il-Qorti kienet ordnat li d-dgħajsa tiġi ikkonfiskata.

Fis-sena 2005 il-Kummissarju tal-Pulizija kien talab lill-Qorti sabiex din id-dgħajsa tingħata lill-Korp sabiex tintuża għal xogħol fuq il-baħar. Fil-fatt din id-dgħajsa ingħatat lill-Korp u beda xi xogħol ta' manutenzjoni fuqha minn membri tal-Korp speċjalment dawk mill-A.L.E., mis-Sezzjoni tas-Snajja u mill-Garaxx tal-Pulizija. Il-dgħajsa ta' l-għamla Rinker, hi twila 26 pied u ġiet attrezzata b'sirena u b'radial arch u mgħammra bl-emblema u bil-kulur tradizzjonali blu tal-Korp tal-Pulizija. Fil-preżent l-Iskwadra ta' l-A.L.E. b'kollox għandha 8 opri tal-baħar.




F'Novembru tas-sena 2005 din id-dgħajsa intużat waqt il-Konferenza tal-Pajjiżi tal-Commonwealth (CHOGM) li saret f'Malta, bħala bażi minn fejn ġie ikkordinat ċertu xogħol fuq il-baħar għar-rigward ta' protezzjoni ta' persuni distinti.

We **service** our clients with **enthusiasm** and genuine **commitment**.




Emmanuel Vella & Sons LIMITED

• *Haulage Contractors* • *Customs Clearance* • *Crane & Forklift Services*
• *Relocation of abnormal machinery* • *Packing & Warehousing* • *Insurance Sub Agents*

Velbro House, Qormi Road, Luqa LQA 05, Malta Tel: (00356) 21 241 353 Fax: (00356) 21 243 117 E-mail: info@emmvs.com

www.emmvs.com




# NEW STAR EURO HIGH YIELD FUND

JESMOND MIZZI
FINANCIAL SERVICES LIMITED

**6.45%*** FIS-SENA

NEW STAR

In-New Star Euro High Yield Fund jinvesti ġewwa bonds ta' kwalita' tajba w oħrajn spekulattivi f'portafoll mifrux fil-munita EWRO. Dan il-fond huwa mmexxi minn James Gledhill, wieħed mill-bond managers ewlenin fl-Ewropa w id-dħul kurrenti medju fis-sena, qabel it-taxxa u spejjes, fit-31 ta' Jannar 2006 kien ta' 6.45%* u l-imgħax ta' fidwa kien ta' 5.48%.

## INVESTI FL-EWRO W IRĊIEVI DĦUL REGOLARI KULL TLETT XHUR BIL-POTENZJAL TA' ŻIEDA FIL-KAPITAL

# 8007 2206

www.jmfs.net 67/3 South Street, Valletta VLT 11 Tel: 2122 4410 Fax: 21223810

* Id-dħul kurrenti huwa magħmul mid-dħul tal-assi tal-fond kif imqabbel mal-prezz u huwa maħruġ minn New Star Asset Managers. In-New Star Euro High Yield Fund huwa inkorporat fl-Irlanda u huwa regolat mill-Irish Financial Regulator. Id-dħul jista' jvarja u mhuwiex garantit. Deċiżjoni biex tinvesti għandha ssir fuq tagħrif li jinsab fil-prospett li flimkien ma informazzjoni oħra dwar dan l-investiment jista' jinkiseb minn għand ir-Rappreżentant Lokali, Jesmond Mizzi Financial Services Limited, li hija liċenzjata mill-Awtorita' Maltija Għas-Servizzi Finanzjarji biex tagħti pariri fil-qasam tal-investimenti u servizzi finanzjarji. L-investiment jista' jitla' kif ukoll jinżel. Il-passat mhuwiex garanzija tal-futur. Ċaqliq fil-muniti jista' jkollu effett fuq il-valur ta' l-investimenti u fuq id-dħul li jsir minnhom. Il-fond jista' jinvesti f'investimenti spekulattivi. Il-fond huwa reklamat f'Malta skond il "UCITS Directive". Dan ir-reklam huwa maħruġ minn Jesmond Mizzi Financial Services Limited.

# Advantages of an MRI

***Obviously one of the greatest advantages of MRI is that unlike X-Rays or CT it does not use radiation – therefore MRI is an extremely safe investigation.***

**Now with open MRI – No more Claustrophobia**

Many patients undergoing MRI examinations in closed tunnel machines often feel claustrophobic. Spending half an hour in the tunnel of a traditional MRI machine can feel as if you are being buried alive. The new open MRI machine installed at St Philip's Hospital in Malta is the latest technology – it is a unique C-shaped magnet which allows the patient to enter from an open side of the machine.
In virtually all exams, the patient's head remains outside the magnet, encouraging a feeling of spaciousness and removing all claustrophobic feelings.
The patient feels and is indeed close to the outside of the machine.

**Why would your doctor order an MRI?**

*Because the only way to see inside your body any better is to cut you open—and we are trying to avoid that!*

**MRI is excellent for:**

- Diagnosing and assessing Slipped herniated discs in the spine
- Diagnosing injuries to the knee for instance torn cruciate ligaments
- Diagnosing strokes in the earliest stages
- Diagnosing tumours of the brain, such as pituitary tumours
- Diagnosing multiple sclerosis (MS)
- Diagnosing infections in the brain, in the spine or joints
- Visualising torn ligaments in the wrist and ankle
- Visualising shoulder injuries
- Evaluating masses in the soft tissues of the body
- Evaluating bone tumors and cysts

## St. Philip's Hospital




No more claustrophobia with the new Open MRI at St Philips Hospital

ST. PHILIP'S HOSPITAL





St Philip's Hospital • Santa Venera • Tel: 00356 7949 9511 • email: biomed@stphilips.com.mt



PC 1155 C. Mangion
C.M.R.U.

# Il-Pulizija tipproteġi lil min aggrediha

L-ewwel jum ta' l-2006 ma tantx beda b'togħma tajba għal għadd ta' persuni fosthom numru ta' Pulizija li fissigħat bikrin ta' filgħodu ta' l-Ewwel tas-Sena fil-veru sens tal-kelma 'ma kienux jafu x'laqathom'.

L-istorja bdiet għal ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, meta karozza misjuqa minn persuna li wara rriżultat li kien barrani ta' 20 sena residenti Malta, dehret rieqsa mid-direzzjoni ta' Baħar iċ-Ċagħaq lejn Paceville.

Pulizija tat-traffiku li dak il-ħin kien stazzjonat jidderieġi t-traffiku qrib it-traffic lights tal-Luxol Grounds għamillu sinjal biex jieqaf iżda x-xufier injora l-ordni u baqa' għaddej, b'konsegwenza li tajjar lill-Pulizija għal fuq vettura oħra. Il-Pulizija, li wara irriżulta li sofra ksur fil-kustilji, tela' fuq il-mutur tas-servizz u saq wara l-vettura.

Minn hawnekk bdiet korsa sfrenata missewwieq tal-vettura biex jevadi lill-Pulizija. Qrib it-traffic lights li hemm fid-daħla ta' Pembroke, żewġ Pulizija mit-Taqsima ta' l-A.L.E. ipprovaw iwaqqfuh iżda għat-tieni darba dan mhux talli njorhom iżda allegatament saq fuqhom u laqathom. B'mod li l-aktar imdorrijin naraw fil-films, iż-żagħżugħ saq għal ġo Triq Elia Zammit, feraq innies li kienu fit-triq u dar f'Triq Wilġa, fil-qalba ta' Paceville. Minkejja li f'dak il-ħin it-toroq ta' Paceville kienu maħnuqa bin-nies, dan kompla jsuq b'konsegwenza li tajjar diversi persuni. Kien propju fi Triq il-Knisja li sab karozza quddiemu u x'ħin ipprova jaqbeż din il-karozza tela' fuq il-bankina iżda spiċċa ħabat f'parapett ta' dar. Konsegwenza ta' l-atteġġjament xejn responsabbli ta' dan iż-żagħżugħ Libjan, b'kollox iddaħħlu l-isptar ħames Pulizija u ħames membri tal-pubbliku.

Iżda' l-akbar uġiegħ ta' ras għal membri tal-Korp kienet għadha ġejja. Hekk kif il-vettura waqfet mill-ġirja tagħha diversi membri tal-pubbliku daħru mall-karozza u għamlu dak li setgħu biex b'mod fiżiku juru d-diżapprovazzjoni u r-rabja tagħhom lejn is-sewwieq. Kien hawnekk li membri tal-Pulizija, avolja kienu huma nfushom u kollegi tagħhom li kienu l-ewwel vittmi diretti ta' dan iż-żagħżugħ iċċirkondaw il-vettura sabiex jipproteġu lil dak li kien bagħat numru minn sħabhom l-isptar. Kienet verament xena ta' integrita' u mill-aktar eżemplari tara lix-xufier ikun protett mill-għajn li dardar. Dan kien arrestat fuq il-post u ntbgħat l-Isptar San Luqa fejn ingħata l-kura għal xi ġrieħi ħfief li sofra.

It-Tnejn 2 ta' Jannar 2006 tressaq b'arrest il-Qorti il-ġuvni ta' 20 sena akkużat prinċipalment b'attentat ta' qtil ta' sebgħa minn nies, li jinkludu Surġent u tliet Kuntistabbli, kif ukoll li kkaġunalhom offiżi gravi jew ħfief. Hu kien ukoll mixli b'reżistenza u b'theddid fil-konfront tal-pulizija, li naqas li jobdi l-ordnijiet tagħhom, fosthom dik li f'żewġ okkażjonijiet irrifjuta li jagħmel it-test tan-nifs. Akkużi oħrajn kienu li saq b'mod traskurat u negliġenti, mingħajr ma kien kopert b'liċenzja tas-sewqan u b'polza ta' l-assikurazzjoni, kif ukoll li kkaġuna ħsarat fl-istess vettura li mhiex tiegħu, kif ukoll li għamel ħsara f'żewġ karozzi li ħabat magħhom.

Bħala parti minn dan l-artiklu, kellna l-intenzjoni li nippublikaw intervista malmembri tal-korp involuta fl-inċident, iżda minħabba li l-każ għadhu sub-judice għażilna li nieħdu partijiet mix-xhieda li l-istess persuni taw quddiem il-Qorti.

Fix-xhieda tiegħu is-Supretendent Vella Gregory qal ra vettura tinstaq bis-saħħa u "nies itiru" u bil-mod kif kien qed isuq ix-xufier ħaseb li "dan kien qiegħed iwettaq attakk suwiċida". Is-Supretendent kompla li wara kien informat li l-karozza kienet waqfet u meta mar fejn kienet, sab il-pulizija madwarha biex jiddefendu lill-akkużat mill-folla li nġabret fuq il-post irrabjata għal dak li kien għamel. L-akkużat kien aggressiv mal-pulizija u anke' għal bosta drabi irrifjuta t-test tan-nifs.

L-Ispettur Martin Sammut xehed li huwa mar fejn il-karozza misjuqa mill-akkużat kienet involuta f'inċident ma vettura oħra. Miġbura madwar il-karozza hu innota diversi persuni filwaqt li fil-vettura ra lill-akkużat mimdud minn tulu qishu "mitluf minn sensih jew rieqed". Membri tal-Korp tal-Pulizija kienu madwar il-vettura, jiproteġu lix-xufier mill-pubbliku preżenti.

Fid-dawl ta' dan l-inċident il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Onor. Tonio Borg bagħat messaġġ lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn għan-nom tal-Gvern irringrazzja lill-Korp għall-ħidma tagħhom matul il-festi tal-Milied u l-aħħar tas-sena.

Filwaqt li awgura l-fejqan ta' malajr lil membri tal-korp li kienu nvoluti fl-inċident, il-Viċi Prim Ministru saħaq fuq ir-rispett illi għandu jkollu kulħadd lejn l-awtorita` u l-membri tal-Korp, u li kull reat li jinvolvi attakk fuq membru tal-Korp ma jistax jitħalla għaddej mingħajr ma jiġi kastigat kif jixraq.

"Meta l-Pulizija jkunu vittmi ta` inċidenti bħal dawn, għandna niftakru fis-sagrifiċċju illi jagħmlu l-Pulizija kuljum, biex iżommu l-ordni anki meta l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tkun qed tiddeverti jew tgawdi dawn il-festi mal-familja" kompla l-Ministru.

Għalkemm il-kumpilazzjoni dwar dan l-inċidenti għada għaddejja wieħed irid jiftakar li l-ebda uffiċjal tal-Pulizija ma jirrapporta għax xogħol bil-ħsieb li dak in-nhar se jkun mitlub jċedi kollox. Ix-xewqa ta' kull ħaddiem hi li jaqla ħobżu u jirritorna d-dar qawwi u sħiħ. L-uffiċjali tal-Pulizija huma ta' kuljum fuq il-front tal-kommunita' – jaddattaw għal tibdil li jġib miegħu iż-żmien u b'tgergira minn hawn u bi sforz minn hemm jkomplu jagħmlu l-almu tagħhom sabiex iċ-ċittadin iħossu sigur.

Il-korp ilu jaffaċja sitwazzjonijiet fejn membri tal-korp jisfaw imweġġħa waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Mhux hekk biss iżda l-Korp ra ma' wiċċu traġedji fejn membri tal-korp tilfu ħajjithom. Il-kittieb Benjamin Franklin kiteb: *"Those things that hurt, instruct. Find the lesson and fight the good fight. The battle against evil, in all its guises, begins at home"*. Jidher li minn kull storja l-korp tgħallem u kiber fl-esperjenza. Xhieda ta' dan hu l-apparat illi qed jingħata lill-pulizija kif ukoll diversi tibdil fl-uniformi biex il-pulizija jkun f'sitwazzjoni aħjar biex jikkumbatti l-kriminalita'.


Trid li Biċċa Sigarett
jibqa' jikkmandak...?
Dipartiment
għall-Promozzjoni
tas-Saħħa
Quitline
2326 6116



Insp Dr. D. Micallef
Prosecution Unit

# Busker jew Street Hawker?

Waqt li nkunu qegħdin nagħmlu d-doveri tagħna fit-toroq niltaqgħu ma' persuni li jkunu qegħdin ibiegħu xi oġġetti minn fuq it-tilari tagħhom. Kemm-il darba nsaqsu lilna nfusna imma dawn għandhom bżonn liċenzja jew le? Dawn taħt liema kategorija jaqgħu taħt buskers jew street hawkers? Din hija mistoqsija li mhux faċli jkun hemm tweġiba għaliha. Id-differenza ewlenija bejn busker jew street hawker hija li ta' l-ewwel ma għandux bżonn liċenzja għall-attivita' li jkun qiegħed jagħmel imma street hawker għandu bżonn liċenzja mis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ. Kif wieħed għandu jasal sabiex jiddeċiedi jekk il-persuna li tarma fit-triq hijiex busker jew street hawker?

Jekk wieħed jara l-Artikolu 14 tal-Kap 441 fis-sub-artikolu (1) hemm imniżżel "ħadd ma jista' jiġġestixxi xi attivita' kummerċjali f'xi triq mingħajr liċenza mill-awtorita regolatorja." F'sentenza deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri fl-10 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Grima il-Qorti tenniet li "Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-projbizzjoni ta' kull attivita' kummerċjali tolqot lil kull bejjiegħ fit-triq sija jekk ikun liċenzjat jew mhux u sija jekk ikollux bżonn ta' liċenza jew le." Fil-fatt l-Artikolu 2 tal-Kap 441 jiddisponi li "attivita kummerċjali tfisser eżerċizzju ta' xi attivita' kummerċjali jew ekonomika inkluż il-bejgħ ta' oġġetti u l-għoti ta' servizzi kif jista' jiġi preskritt, irrispettivament minn jekk dik l-attivita' kummerċjali tiġiex eżerċitata minn postijiet kummerċjali jew xort'oħra..."

Illi minn dan il-bran iċċitat hawn fuq attivita' kummerċjali tinkludi eżerċizzju ta' kull attivita' kummerċjali ikun xi jkun. Mela wieħed isaqsi, għaliex hemm ċertu nies li jagħmlu xi attivita' kummerċjali li jkunu jridu liċenzja u oħrajn le? Meta wieħed ikompli jaqra l-Artikolu 14 kif emendat bl-Att XXI.2005.9 f'sub-artikolu (2)(b) ta' l-imsemmi artikolu jiddipsoni hekk: -

"Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jkunux japplikaw meta persuna, f'xi triq, tipproduċi fuq il-post u tbiegħ xi artefatt."

F'kelma oħra dan is-sub-artikolu qiegħed jiddisponi li meta wieħed fuq il-post ikun qiegħed jipproduċi xi artefatt u jbiegħu, dan m'għandux bżonn liċenzja għax jitqies bħala busker. Sabiex ikunu ċari aktar l-elementi ta' din id-disposizzjoni, persuna ma tistax taħdem xi oġetti ta' artefatt per eżempju d-dar u tmur tbigħhom f'xi post ieħor. Kif ukoll il-prodott li jkun qiegħed jinbiegħ irid ikun xogħol ta' artefatt. Il-kelma artefatt tfisser xogħol ta' sengħa magħmul bl-idejn. Meta l-pulizija fuq il-post tiddeċiedi jekk quddiema għandhiex busker jew street hawker, regolamenti differenti japplikaw għall-buskers jew għall-street hawkers u għalhekk huwa tajjeb li wieħed prima facie jara liema huma dawk ir-regolamenti li japplikaw għall-persuna ta' busker jew street hawker.

- L-ewwel regolament importanti huwa li busker ma għandux bżonn liċenzja u street hawker għandu bżonn il-liċenzja relattiva għall-attivita' li jkun qiegħed iwettaq.
- Busker irid ikun ta' lanqas 5 metri distanza li timxiha 'l bogħod mill-entratura ta' kull post kummerċjali fil-waqt li street hawker irid ikun ta' lanqas 50 metru mill-entratura ta' kull post kummerċjali
- Ma hemm l-ebda regola li jsemmi distanza bejn busker u ieħor imma street hawkers bejniethom għandhom iżommu distanza ta' lanqas 50 metru.
- Street hawker irid jipparjka l-vettura tiegħu ta' lanqas 50 metru 'l bogħod minn suq fil-beraħ fil-waqt li busker m'għandux din il-limitazzjoni imposta fuqu.

Fis-6 ta' Jannar 2006 daħal avviż legali fis-seħħ, liema avviż jirregola l-liċenzi tal-kummerċ. Fir-Regolamenti 30 u 36 hemm il-postijiet imsemmija minn fejn l-street hawkers kif ukoll il-buskers ma jistgħux jiġestixxu l-attivita' kummerċjali tagħhom. Fir-regolamenti 30 u 36 huwa mportanti li wieħed jara minn fejn ma tistax isir attivita' kummerċjali mill-Belt Valletta. Fir-regolamenti 30(1)(e) u 35(C) hemm imniżżel dan li ġej:

*"...ma tista' ssir fil-Belt Valletta fil-pjazza ta' Kastillja, fil-pjazza ta' San Ġorġ u fil-pjazza ta' San Ġwann u fiż-żona ta' Bieb il-Belt Valletta li tinkludi Misraħ il-Ħelsien inkluż il-loġoġ, il-fontana u l-venda tal-karozzi tal-linja li tinkludi l-foss ta' San Ġakbu."*

Dawn ir-regolamenti apparti milli jsemmu fejn ma tistax tiġi ġestita attivita' kummerċjali, jsemmu wkoll fejn il-Pulizija għandha l-poteri li tmexxi l-buskers jew l-istreet hawkers mill-post minn fejn ikunu qegħdin jiġestixxu l-attivita' kummerċjali tagħhom. Fil-fatt ir-Regolament 30(4) ta' l-Avviż Legali 1 ta' 2006 jiddipsoni dan li ġej: -

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, għal motivi raġjonevoli, il-Pulizija tista' tordna lil bejjiegħa fit-toroq ma jibqgħux f'xi mkien f'xi triq."*

Kif ukoll l-artikolu 14(3) tal-Kap 441 jiddisponi dan li ġej:

*"u iktar minn hekk uffiċċjal tal-pulizija jkun jista' skond il-liġi jwaqqaf kull attivita' bħal ma hemm imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' l-imsemmi subartikolu u jordna li l-attivita' tinżamm x'imkien ieħor."*

Minn dawn iż-żewġ disposizzjonijiet joħorġu ċar il-poter li għandhom il-Pulizija li jistgħu jmexxu l-buskers jew l-istreet hawkers mill-postijiet tagħhom. Imma huwa importanti li dan il-poter għandu jintuża' bl-akbar responsabbilita', dixxiplina u għaqal. Fil-fatt ir-ragolament 30(4) isemmi motivi reġjonevoli. Ma nsibu mkien xi eżempji jew definizzjonijiet ta' x'inhuma motivi reġjonevoli, imma dawn il-motivi joħorġu mill-post ta' fejn qegħda jsir l-attivita' kif ukoll iċ-ċirkostanzi. Per eżempju waqt li għaddejja xi purċissjoni ta' xi festa jew tal-Ġimgħa l-Kbira jew tad-Duluri jkun motiv raġjonevoli li tmexxi busker li jkun qiegħed ikanta jew idoqq xi strument minn fejn tkun ser tgħaddi l-purċissjoni.

B'dan l-eżempju niġi biex nagħlaq dan l-artikolu li fih rajna kemm hi importanti li nagħmlu distinzzjoni bejn busker u street hawker.

# Biodiversity



## THE VARIETY OF LIFE



- The word 'biodiversity' was only used for the first time in 1985. It is used by governments worldwide because it is such an important concept. It means literally 'the variety of life' - the total variation in all living species, their ways of life and the places where they live.
- Some say that our Islands are poor in biodiversity. However we have recorded over 4500 different species of plants and animals, not taking marine organisms into account. About 85 of these are endemic, which means that they are found exclusively in the Maltese Islands. Not bad when one considers the small size of our islands, together with the various habitats and the pressure on the natural environment from a relatively large human population.

**Appreciating the beauty of diversity**

MEPA

www.mepa.org.mt



WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

# It-Tarka taċ-Ċittadin

Kif jgħid it-terminu Ingliż *Once a policeman always a policeman.* Hekk qalilna l-eks kuntistabbli 536 George Grech meta għoġbu jilqa' l-istedina tagħna sabiex nitkellmu ftit miegħu fuq l-esperjenza tiegħu fil-Korp tal-Pulizija, kif ukoll ta' missier li ibnu għadu kif laħaq Isqof.

Ħaġa li laqtitni mmens hekk kif bdejna deħlin fil-villaġġ ħelu ta' Kerċem kienu r-ritratti mdendla kemm fit-twieqi kif ukoll fil-gallarijiet ta' l-Eċċelenza Tiegħu l-Isqof għall-Għawdex - fejn jidher ir-rispett kbir lejn din il-persuna.

Hekk kif ħabatna, mingħajr kull mistenni fetħilna l-bieb l-Eċċelenza Tiegħu, Monsinjur Mario Grech, bniedem umli sa l-aħħar li stedinna nidħlu ġewwa. Konna nafu li l-Eċċelenza Tiegħu kien ser ikun id-dar, u għalhekk kif jgħid il-Malti b'ġebla waħda lqatna żewġ għasafar.

Nista' ngħid li minn dak il-ħin, għalkemm kelli biża' kbir li ser ngħid jew nagħmel xi ħaġa mhux f'postha, ħassejt serenita' kbira. Ngħiduha kif inhi, mhux xi ħaġa ta' kuljum li tiltaqa' ma' Isqof u tħossok li ilek tafu żmien twil.

Tkellimna ftit sakemm ġew il-ġenituri tiegħu, fejn irringrazzja mhux biss lil Kummissarju tal-Pulizija, imma lil kull membru fil-Korp tax-xogħol siewi li jsir, pero' jgħid grazzi lil membri tal-Banda ta' l-atmosfera ferrieħija li għamlu dak il-nhar tal-konċelebrat tiegħu. Ma naqas ukoll li jirringrazzja lil membri kollha stazzjonati Għawdex.

Tkellimna l-ewwel ma' George, fejn esprima li għalkemm ilu xi ftit penzjonant xorta waħda għadu jħoss l-uniformi fid-demm. Ħadem għal żmien twil f'Malta, fejn fi tnax-il sena serva f'diversi Għases, fosthom id-Depot li dak iż-żmien kien Fluer-De-Lys, il-Marsa magħruf aħjar bħala Ta' Xejku, ir-Rabat li dak iż-żmien kien jagħmel mas-Siġġiewi, it-Taqsima tat-Traffiku fejn kien foot patrol u kien taħt l-Ispettur Rizzo Borda u s-Supretendent Lanzon, u l-Għassa tal-Belt fost l-oħrajn.



Waqt dan ir-rakkont għajnejn George xagħlu u dehret bis-sħiħ in-nostalġija lejn ix-xogħol pulizjesk. Huwa aċċenna għal fatt li fi żmienu qabel jibda kull shift, is-Surġent kien jagħmel fall in fejn



issir spezzjoni kemm ta' l-uniformi, iż-żarbun, kif ukoll tal-leħja. Dan juri r-responsabbilta' u r-rispett kbir li wieħed kellu lejn l-uniformi. Esperjenza li dejjem xtaq jaqsam mal-qarreja tal-Magazine kien istant li ġie fuqu u sieħbu waqt li kienu xogħol l-Għassa l-Belt li kien qajjem panik sħiħ. George serva l-Belt għal tlett snin, ħadem bħala Orderly kif ukoll ġewwa l-Berġa D'Aragona.

Is-sena kienet 1956 jew 1957. Kien ordnat flimkien mal-Kuntistabbli Monreal sabiex jaraw li ma jsir l-ebda pparkjar ta' vetturi fi Triq Merkanti kantuniera ma' Triq l-Arċisqof kif ukoll mal-kantuniera t'isfel ta' Triq San Kristofru u Triq il-Merkanti. Dan eżatt fejn hemm il-Knisja tal-Ġiżwiti u faċċatta tagħha l-Universita' l-Antika, fejn kienet tiġi wżata għal xi tieġ ta' xi ħadt prominenti.

F'daqqa waħda ġiet vettura u pparkjat bejn iż-żewġ postijiet imsemmija hawn fuq u li kienet qrib il-Kuntistabbli Monreal. F'ħin minnhom Grech deherlu li sieħbu kien qishu qiegħed jillatika max-xufier tal-vettura u għalhekk niżel sabiex jassisti lil sieħbu. Peress li s-sewwieq kien Għawdxi, ċertu wieħed Joe Borg Grech, George għarfu u bil-pulit u l-kelma t-tajba staqsieh sabiex ineħħi l-vettura tiegħu għal fatt li dak il-ħin ma setgħax issir ipparkjar f'din it-triq. Hawnhekk George stqarr li jekk il-memorja sservih tajjeb, is-Sur Borg Grech kien reġistratur tal-Qorti.

Jiftakar illi s-Sur Borg Grech qallu "George, intom għamlu d-doveri tagħkom imma jien ser nipparkja hawn." Xi ftit imħasseb, Ġeorge reġa' qallu sabiex ineħħi l-vettura, pero' s-Sur Borg Grech reġa' qallu "jien għandi d-dritt nipparkja hawn daqs kemm min ġej jipparkja hawn."

Is-Sur Borg Grech telaq minn fuq il-post fejn ħalla lil Ġeorge u lil sieħbu iħarsu lejn xulxin. X'tagħmel tarrestah?

Dak il-ħin niżel is-Surġent li kien ċertu Bonello, bniedem ta' l-affari tiegħu u staqsa x'kienet qed tagħmel il-vettura hemm. Fi ftit kliem spjegawlu s-sitwazzjoni x'kienet u marru jfittxu lis-Sur Borg Grech sabiex ineħħi l-vettura pero' dan ma nstab imkien.

Għal raġunijiet mhux magħrufa l-istorja kompliet, fejn l-Ispettur Ganado insista ma' George li jirraporta lis-Sur Borg Grech, u dan obda l-ordni tas-superjur tiegħu. Iċ-ċitazzjoni ħarġet b'urġenza, fejn ħarġet fl-ewwel seduta li kien imiss tat-Traffiku.

Kulħadd kien anzjuz sabiex jara kif ser tispiċċa din is-seduta, fejn preżenti kien hemm l-Imħallef Ċensu Ferriġġi, dak iż-żmien kien għadu avukat, kif ukoll Ġużeppi Maria Camilleri, li kien il-Ministru tal-Ġustizzja. Jiftakar kliem jingħad qisu l-bieraħ lis-Sur





Borg Grech "Dawn x'affarijiet huma! "u huwa jwieġeb "issa dak narah jien."

Jiftakar is-Sur Benċini jmexxi l-prosekuzzjoni fejn wara li nstemgħu x-xhieda, beda jsabbat u jgħajjat għax l-imputat sostna li kemm Grech kif ukoll Monreal ma kienux Pulizija. Hawnhekk qamet xi ftit kommozzjoni fl-awla fejn is-seduta ġiet sospiża u anke kien iltaqa' l-Parlament b'urġenza. Ftit wara kienet ħarġet liġi li minn Supretendent l-isfel seta' joħroġ it-taħrika.

Kienet *lacunae* fil-liġi li dak iż-żmien qajmet paniku sħiħ fejn minn sempliċi pparkjar projbit kompliet għal bdil fil-liġijiet.

Ma setax jonqos li nieħdu l-kummenti tal-mara ta' George, fejn fi kliema stess għaddiet minn perjodu ta' tbatija, speċjalment meta George kien stazzjonat Malta. Meta wieħed iqis li t-traġġit bejn Malta u Għawdex kien biss darbtejn kuljum, mhux l-ewwel darba li kienu jagħmlu l-granet ma jarawx lil George.

Peress li kien għad kellhom it-tfal zgħar, dejjem kienet tkun fuq ix-xwiek sabiex tara jew tisma' lir-raġel tagħha. Ovvjament kien hemm xi ftit tal-biża' meta wieħed kien jisma' b'xi inċident, speċjalment meta Ġeorge kien jaħdem Malta, fejn it-telekommunikazzjoni ma kienetx bħal dik tal-lum.

Pero' wieħed seta' jinduna l-umilta' kbira li tiċċirkonda lil din il-familja. F'istanti fejn wieħed għex it-tbatija, għax hekk kien jirrikjedi mis-servizz li



kien jagħmel parti minnu l-missier, xorta waħda l-familja baqgħet wara George. Forsi wieħed jgħid li kull familja tbati, pero' wieħed irid japprezza wkoll id-diferenzi bejn iż-żminijiet.

B'daħka irrakontat li meta kien stazzjonat Għawdex kien jagħmel ħbieb ma kulħadd, ikun fejn ikun, tant li mill-mejda ta' l-Għassa kien jispiċċa fuq il-mejda għall-ikel għand xi familja mir-raħal.

Stqarret li għalkemm ilu żmien twil nieqes mill-Korp, xorta waħda għadu bl-istess rutina - ħwejġu stirati u żżarbun ileqq.



Waqt l-intervista konna akkompanjati mill-Eċċelenza Tiegħu fejn staqsejnieh x'jiftakar miż-żmien li missieru kien jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija.

Peress li kienu għadhom żgħar ma tantx jiftakar iż-żmien li missieru kien iservi Malta, pero' għandu memorji sbieħ meta serva ġewwa Għawdex.

Għalkemm missieru kien f'servizz kien hemm relazzjoni ta' ħbiberija bejn kulħadd. Għalkemm kien għadu tifel, jiftakar lil ċertu Spettur Buttiġieġ mix-Xagħra u s-Supretendent Joseph Cachia li kien Malti, illum mejjet.

Eżempju ċar ta' dan huwa l-fatt illi għadhom sal-ġurnata tal-lum ħbieb kbar huwa u t-tifel il-kbir tas-Supretendent Cachia, u dan grazzi għax l-għeruq kienu fil-familja tal-Pulizija. L-istess jista' jingħad għall-Ispettur Buttiġieġ, baqgħu ħbieb u llum kif jgħaddi jew ikun ix-Xagħra għadha teżisti ċerta *bondage.*

Jiftakar meta kien abbati f'xi okkażżjonijiet organizzati Għawdex u fil-parties tal-Milied li kienu jsiru bħala familja u mhux għat-tfal biss, ħaġa li rari għadha ssir.

Ma kienx iħossu inferjuri ma' tfal oħrajn għax missieru kien Pulizija, jew kien iħoss li għandu xi ħaġa iktar minn ħaddieħor u dan għal fatt li missieru dejjem żamm il-profil tiegħu baxx, pjuttost kien bniedem eżemplari u li jħobb ħafna il-familja.

Jiftakru jservi fl-Għassa tar-raħal fejn kien ħabib ma' kulħadd, issa wieħed ma jinsiex li dak iż-żmien kien l-ewwel post li kien ikun jaf x'inhu jiġri mar-raħal kollu. B'daħka fuq fommu aċċenna li dak iż-żmien, kuntrarju għal llum, l-Għassa kienet tinżamm miftuħa 24 siegħa kuljum. Pero' sostna wkoll li kemm is-soċjeta' kif ukoll il-mentalita' u l-kulturi kienu differenti.

**Pero' tgħallem xi ħaġa minn din l-esperjenza?**

Tgħallem x'inhu l-valur tax-xogħol, fejn servizz huwa servizz u jrid jingħata. Jiftakar ċar huma jkunu deħlin jorqdu u missierhom dieħel mix-xogħol, jew ħiereġ għal l-ewwel shift. Illum huwa ma jsibiex bi tqila sabiex iqum iqaddes il-quddies ta' l-ewwel jew ikun f'xi ħin ieħor xi ftit stramb.

Jirrikonoxxi ċertu dixxiplina li ssawret fih mingħajr ma kien jaf. Mingħajr ma jaf missieru sawwarlu l-karattru ta' min huwa llum. Issawar kemm fih kif ukoll f'ħutu l-valuri ta' l-ordni u ġustizzja fejn kollox isir kif għandu jsir u kulħadd jieħu dak li ħaqqu.



Il-motto tal-Pulizija dejjem laqtu - Domine Dirige Nos - Mulej inti tmexxina. Tmexxina fil-kuntest bħala Korp biex inżommu iktar l-ordni, ikun hemm sens ta' ġustizzja, u *fairness* fir-relazzjonijiet.

Aċċena għal fatt illi meta persuna tiżbalja, din tagħmel hekk għax tkun dgħajfa, u allura żgur li għandha valuri tajbin fiha. Għalhekk iridu nsibu bilanċ sabiex lil din il-persuna nerġgħu insibulha t-triq it-tajba.

Għalhekk il-Korp iħares lejn Kristu sabiex minnu jispira ruħu għal dawk li huma valuri li kull wieħed għandu jħares u nnislu fl-oħrajn.

IL BAGNO **ALESSI**
by LAUFEN









LAUFEN
BRINGS
EMOTIONS

Banju Boutique

Arcade Street, Paola tel: 21809111/2 fax: 21809114
email: info@banjuboutique.com
www.banjuboutique.com

bB
Banju Boutique



Fr Raymond Bonniċi OFM, Cap

# Messaġġ mill-Kapillan tal-Korp

**'Min se jgerbilna l-ġebla ...'**

*Mark 16, 3*

Miniex se nitkellem dwar il-ġebla li kultant it-tabib jordnalna li titneħħilna permezz ta' operazzjoni. Iżda f'dawn il-kelmtejn tiegħi magħkom f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan għażilt li nkellimkom dwar il-ġebla li nsibu fis-silta ta' l-Evanġelu skond San Mark.

Hija silta li titkellem minn Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Salome li marru fuq il-qabar ta' Ġesu' biex skond ir-ritwal Lhudi jidilku l-ġisem mejjet tiegħu bil-fwejjaħ. Fi triqthom lejn il-qabar kellhom l-ikbar pre-okkupazzjoni biex xi ħadd ineħħilhom il-ġebla li kien hemm fid-daħla tal-qabel. Kienet biċċa nkwiet għalihom għaliex dik il-ġebla kienet se tkun ta' ostaklu.

Fil-mixja tagħna matul il-ħajja aħna niltaqgħu ma' diversi ostakli: ġebel li jwaqqafna milli nagħmlu dak li nixtiequ. Iżda nixtieq li flimkien nirrifletu dwar dak li jżommna milli nikbru fir-relazzjoni tagħna m'Alla l-imbierek. Jiġu mumenti fejn inħossu l-ħtieġa li nirriflettu iżjed minn drabi oħra. Iż-żmien tar-Randan Imqaddes, huwa żmien li fih il-knisja tagħtina opportunita' biex bid-dawl tal-Kelma t'Alla u ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni (Qrar) u fl-Ewkaristija (Quddiesa) aħna niskopru x'inhuma dawn l-ostakli li qegħdin ifixkluna milli niltaqgħu ma' Ġesu' Kristu.

Huwa żmien qaddis għaliex l-għan tiegħu huwa biex flimkien nersqu ħalli nħejju lilna nnfusna għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-akbar festa fil-ħajja tagħna bħala nsara – l-Għid il-Kbir.

Huwa żmien li nagħrfu kemm Alla l-Missier iħobbna u kemm hu meħtieġ li aħna nersqu lejh biex ikollna esperjenza tal-ħniena u l-imħabba tiegħu. Huwa żmien ta' riflessjoni biex nagħtu sens sħiħ lill-ħajja tagħna li ma tikkonsistix biss fil-perjodu li nagħmlu ngħixu fuq din l-art iżda tkompli fil-ħajja ta' dejjem.

Jistgħu jieħdu diversi forom u modi l-ħafna ostakli li niltaqgħu magħhom f'din il-ħajja. Mard li jolqotna jew mewt ta' xi ħadd għażiż fil-familja tagħna. Kriżi fir-relazzjonijiet jew diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol li joħolqulna qtiegħ il-qalb b'tali mod li nitilfu s-serenita' u l-paċi tal-qalb. Meta d-dixxipli u n-nisa t-twajba tilfu lil Ġesu' u ħasbu li kollox kien spiċċa bil-mewt tiegħu fuq is-Salib, kienu se jitfixklu b'tali mod li jitilfu kull tama.

Il-ġebla ta' quddiem il-qabar kienet qegħda żżommhom milli jaraw lil Ġesu' u jagħmlu r-rit tad-dlik biż-żejt lil ġisem mejjet tiegħu. Iżda żewġ anġli fejn il-qabar qalulhom li HU m'għadux mal-mejtin iżda kellhom jmorru l-Galilija u jarawh hemmhekk.

Ejjew nagħmlu kuraġġ u fuq kollox nemmnu li hemm xi ħadd li lest igerbilna u jneħħilna dak kollu li jżommna milli niltaqgħu miegħu personalment. Dan mhu ħadd ħlief l-Ispirtu Qaddis t'Alla li jgħammar ġewwa fina u qiegħed jgħajjat Abba Missier. L-Ispirtu t'Alla jgħinna nħossu li aħna maħbubin tassew u Huwa dejjem lest li jeħlisna minn dak li jrid iżommna lsiera tad-dnub u l-ħażen li jeżisti madwarna.

J'alla żmien ir-randan ikun għalina lkoll żmien ta' konverzjoni u l-Għid il-Kbir jnissel paċi tal-qalb fikom ilkoll u l-familji tagħkom.



# Kliem ix-xiħ żomm fih

WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

Kull sena fiż-żminijiet tal-Milied, il-Kummissarju jagħmel diversi festini lill-membri tal-Korp, u wieħed minn dawn il-festini jsir proprju lil membri li f'xi żmien jew ieħor libsu l-uniformi u taw sehemhom mhux biss fil-ġlieda kontra l-kriminalita', iżda qdew ukoll diversi funzjonijiet fis-soċjeta'.



Din is-sena kelli x-xorti nitkellem ma' diversi ex-membri waqt dan ir-riċeviment. L-ewwel reazzjoni tiegħi meta dħalt fis-Sala Vilhena kienet – kemm hawn nies. Naħseb li din l-istess sala qatt ma rat daqshekk nies fiha.

L-iktar ħaġa li mpressjonatni kienet li għalkemm bosta minn dawn il-membri ilhom li ħallew il-Korp tal-Pulizija, xorta waħda żammew rwieħhom aġġornati fejn f'ġurnata bħal din kulħadd jgħid tiegħu.

Irrealizajt li dawk kollha li tkellimt magħhom kellhom xi ħaġa komuni – kienet tinħass ċerta nostalġija, nostalġija għax kollha għadhom iħobbu l-uniformi u dak kollu li ġġib magħha.

L-istejjer ma naqsux u l-mod kif dawn ġew irrakuntati kienu qishom ġraw il-bieraħ. Emmnuni, bdejt inħossni qisni qegħda ngħix ġewwa film, ħin minnhom saqsejt lili nnifsi jekk dawn l-affarijiet ġrawx verament f'Malta.

Kien hemm min sostna li okkażżjonijiet bħal dawn huma utili ħafna fejn l-antik jiltaqa' mal-ġdid u r-relazzjoni tissaħħaħ. Dan huwa kollu verita' għax fil-ftit ħin li qattajt ma' dawn in-nies tgħallimt mhux biss kif għandi nħares l-uniformi, imma wkoll kif għandi nħares lejn kull sitwazzjoni li tiġi preżentata lili waqt il-ħin tax-xogħol. Frażi li laqtitni ħafna kienet li l-uniformi tibza' għalik jekk inti tibża' għalija. Frażi li jekk



wieħed jaħseb ftit fiha tagħmel ħafna sens.

Forsi nazzarda ngħid li huwa ħasra li nies bħal dawn ma nagħmlux użu minnhom. Ma jfissirx li għax telqu mill-Korp allura s-sehem tagħhom mhux importanti. Jiena ngħid li meta jkollna reklutaġġ dawn għandhom jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom f'dik li hi esperjenza.

U minn din il-paġna nixtieq nirringrazzja lil ex-membri kollha li permezz tax-xogħol siewi mwettaq minnhom matul iż-żminijiet jien u int nagħmlu parti minn istituzzjoni li mhux faċli sabiex ħaddieħor iħamrilna wiċċna fix-xogħol u l-qadi ta' dmirijietna.




MDINA GLASS
HANDMADE

The home of light and colour



Brighten up your home with our fine crockery, lamp bases and wall lights. We have a radiant new range of homeware, from dinner plates to mirrors, clocks to candlesticks, that will bring colour to your home like you never imagined before.

Crafts Village, Ta' Qali
14 Merchants Street, Valletta
Islets Promenade, Bugibba
Cruise Passenger Terminal, Valletta Waterfront
Tel: 2141 5786

www.mdinaglass.net




KICK OFF: **29th March 2006**

VENUE: **Motor Fair, Naxxar**

FEATURING: **The launch of the New Kia Rio**

Starting from: **Lm5,850**

Including: **Power Steering, electric windows, central locking & much more...**

**EASYSELL-KIA (Malta) Ltd. Mdina Road, Qormi, QRM08**
**Tel: +356 2146 6458/9 - Fax: 2146 6285 - mail: kia@tumas.com - www.kiamalta.com**

TUMAS GROUP



# Not all markets deserve the word "super"

THE PRICE CHOPPER IS NOW AT ST. VENERA TOO!



Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

Spend Lm40 and get 1 free case of local mineral water & 1 free case of local soft drinks!



**Butcher · Delicatessen · Bakery · Fresh Fruit & Veg · Wines & Beverages**

The Mall, Park Towers, St. Julians - Tel: 2137 8520 Fax: 2138 8241 • Gallerija Complex, Fgura - Tel: 2189 6334 • Psaila Street, St Venera - 2148 0807 Fax: 2148 5559



WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

# It-Taqsima tas-Cyber Crime u t-Taqsima ta' l-Istatistika

*X'inhi l-pornografija? X'jiġifieri kompjuter li jiġi uzat ħażin? L-Internet, tajjeb jew ħażin?*

Mhux l-ewwel darba li nisimgħu li xi ħadt inqabad jagħmel reat li jkun konness mal-kompjuter u li persuni tressqu l-Qorti. *Imma abbuz bil-kompjuter x'inhu? Dan ir-reat, huwa komuni daqs reati oħrajn? U r-reati ta' dan il-ġeneru kif jiġu nvestigati u minn min?*

Kienet interessanti intervista li saret ma l-Ispettur Paul Caruana, il-persuna nkarigata mit-Taqsima tas-Cyber Crime, fejn, kif xtar l-istess Spettur, hija Taqsima żgħira, imma effettiva ħafna.

Fis-sena 2003 inħasset il-ħtieġa li l-Pulizija jkollha l-għodda neċessarja sabiex tiġġieled il-fenomenu ġdid li beda jinbet fis-suq tat-teknoloġija ta' l-informatika - l-użu ħażin tal-kompjuter, li bil-mod il-mod qisu sab postu mar-reati l-oħra fis-soċjeta' Maltija. Sfortunatament, l-użu ta' l-internet, bħal kull ħaġa oħra, huwa punt ta' tluq għal dawk il-persuni li jieħdu vantaġġ minn nies vulnerabbli, bħal ma huma t-tfal, li jużaw l-internet għal ħafna drabi bi skop edukattiv.

Din it-Taqsima hija magħmula minn tlett membri - L-Ispettur Paul Caruana, is-Surġent David Agius u s-Surġent Stefan Decelis, u x-xogħol mistenni minn dawn in-nies ma huwiex wieħed faċli. Hawnhekk ma rridx ninstema' li dawn in-nies jagħmlu xi ħaġa speċjali iktar mill-kumplament tal-membri l-oħra fil-Korp, pero' xogħol dawn il-membri huwa kemmxejn delikat, għal fatt li l-kontenut tal-materjal bil-provi jrid jinġabar b'reqqa, b'għaqal qabel dan jiġi kkanċelat, anke waqt li wieħed ikun qiegħed jagħmel backup ta' l-istess materjal. Kull xogħol huwa differenti minn ieħor.

Id-diffikulta' sabiex jinkiteb dan l-artiklu kienet kbira, minħabba l-fatt ta' kif kien ser jitpoġġa l-kliem minħabba s-sensittivita' tas-suġġett. Kien għalhekk li ħallejt f'idejn l-Ispettur Caruana sabiex l-informazzjoni dwar din it-Taqsima tiġi mgħoddija lilna kronoloġikament.

## Għanijiet prinċipali

Kull Branka u Sezzjoni għandha għanijiet prinċipali, diretti sabiex iservu bħala linja ta' gwida ta' kif jiġu moqdija d-dmirijiet sabiex iċ-ċittadin jinqeda malajr u mill-aħjar li wieħed jista'. Jekk niġbru l-għanijiet ta' din it-Taqsima f'qafas wieħed, li nsibuhom f'Ċirkulari 66/03, naraw li l-għan prinċipali huwa li jiġu assistiti dawk kollha li b'xi mod jew ieħor fl-investigazzjoni tagħhom ikun hemm kompjuter jew/u sistemi komputerizzati u li ma jkollux aċċess għal informazzjoni miżmuma fih u li jkunu detrimentali għal investigazzjoni.

Għanijiet oħra huma li jkun osservat l-użu ta' l-internet f'dak li huwa tqassim ta' materjal pornografiku, speċjalment fejn jidħlu t-tfal; tingħata assistenża lil aġenziji polizjeski barranin fejn tidħol investigazzjoni jew fejn trid tiġi priżervata l-evidenza li tkun trid titressaq il-Qorti; u flimkien ma azjendi fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika tinħoloq tip ta' sistema li tkun tista' tiġġieled dan it-tip ta' reat kif ukoll tiġġenera tip ta' informazzjoni edukativa fost il-kommunita'; u sabiex wieħed iżomm ruħu aġġornat ma' kull żviluppi fejn tidħol il-leġislazzjoni li tista' tkun rikjesta kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

Kif jidher l-għanijiet fin-natura tagħhom huma eżiġenti ħafna kif ukoll tekniċi.

## X'inhu x-xogħol primarju?

Kif intqal fil-bidu, din it-Taqsima taħdem id f'id kemm ma' Dipartimenti fi ħdan il-Korp kif ukoll ma' entitajiet privati. Is-Sur Caruana għamel enfażi fuq il-fatt illi r-relazzjonijiet ta' xogħol bejn it-Taqsima tiegħu u l-kumplament tal-Korp fejn tidħol investigazzjoni hija waħda tajba ħafna u pjuttost b'saħħitha.

Din it-tip ta' metodoloġija tgħin sabiex jissawru timijiet investigattivi kemm fejn tidħol prattika kif ukoll jinqasmu d-diversi esperjenzi li wieħed jista' jiltaqa' magħhom.

Għalkemm ix-xogħol ta' din it-taqsima jsir minn wara l-kwinti, l-istatistika provduta turi mod ieħor.

Kien fl-2004 meta b'ko-operazzjoni mat-Taqsima ta' Kontra l-Vizzji inkixef ċirku ta' 17-il persuna li kienu nvoluti kemm fil-pussess kif ukoll fit-tniżżil ta' materjal pornografiku tat-tfal minn fuq l-internet. Biex operazzjoni bħal din tkun waħda ta' suċċess, u meta jitqies is-sensittivita tas-suġġett, wieħed irid jippjana sew qabel jaġixxi speċjalment meta jkun hemm kompjuter involut, peress li l-informazzjoni tista' tiġi mħassra, anke taħt għajnejk stess. Sfortunatament f'din l-operazzjoni ħareġ l-ikraħ f'dan it-tip ta' reat – espona l-abbuż sesswali ta' minuri minn adulti Maltin.

Ftit qabel bdejna l-intervista, s-Sur

| | 2003 | 2004 | 2005 | Total |
|---|---|---|---|---|
| Alteration of Data / Software | 1 | 1 | - | **2** |
| Child Porn | 7 | 31 | 9 | **47** |
| Child Porn Web Page | - | - | 2 | **2** |
| Copyright Infringement | 1 | 8 | 5 | **14** |
| Defamation | - | - | - | **0** |
| Denial of Service | 1 | - | 1 | **2** |
| Disclosure of Pass/Access Code | - | 1 | - | **1** |
| Email Tracing | 4 | 9 | 4 | **17** |
| Forgery | - | - | - | **0** |
| Fraud | 16 | 9 | 25 | **50** |
| Hacking | 5 | 6 | 6 | **17** |
| Human Trafficking | - | - | 3 | **3** |
| Illegal Gambling | - | - | - | **0** |
| Information Gathering | 11 | 28 | 24 | **63** |
| Output of Data / Software / Documentation | - | 3 | - | **3** |
| Possession of Data / Software | - | 1 | - | **1** |
| Possession of Hardware | - | 1 | - | **1** |
| Terrorism | - | - | 4 | **4** |
| Threats | 5 | 6 | 9 | **20** |
| Unathorised Dialers | - | - | 3 | **3** |
| Uses anothorised user name / E-mail | - | 3 | 8 | **11** |
| **Total** | **50** | **106** | **103** | **259** |

Graffika 1: Reati investigate mit-Taqsima *Cyber Crime*

| | 2003 | 2004 | 2005 | Total |
|---|---|---|---|---|
| Computer Systems | - | 90 | 88 | **178** |
| Hard Disk (Internal / External) | - | 99 | 103 | **202** |
| Compact Discs / DVDs | - | 1143 | 1125 | **2268** |
| 3.5" Floppy Diskettes | - | 316 | 252 | **568** |
| Other Media | - | 11 | 14 | **25** |
| Documents / Logs / Paper Evidence etc. | - | 23 | 83 | **106** |
| **Total** | **n/a** | **1682** | **1665** | **3347** |

Graffika 2: Apparat analizat mit-Taqsima tas-*Cyber Crime*



Caruana kien għaddej fuq biċċa xogħol ma' kolleggi barranin f'dan il-qasam. Huwa sostna li permezz ta' dan in-network, permezz ta' qsim ta' esperjenzi, informazzjoni u ħidma, wieħed jista' jiġġieled aħjar dan il-fenomenu, fenomenu li sfortumament daħal sew fis-soċjetajiet madwar id-dinja.

It-Taqsima tas-Cyber Crime mhux l-ewwel darba li kienet impenjata fuq livell internazzjonali. Bħala Taqsima hija membru ta' sezzjonijiet speċjalizzati fuq pornografija fuq l-internet fejn jidħlu t-tfal kemm ma' l-Interpol kif ukoll mal-Europol u l-G8 – International High Tech Crime, fejn din ta' l-aħħar toffri servizzi internazzjoni erbgħa u għoxrin siegħa kuljum fuq reati *high tech*, li tinkludi investigazzjonijiet f'dan is-suġġett.

Malta hija membru attiv tal-grupp COSPOL (Comprehensive Operational Strategic Planning for the Police), fejn l-għanijiet prinċipali tagħha huma li ttellef, issib u tkisser ċikli, jew strutturili jintuża għal produzzjoni ta' qsim jew tpartit ta' imaġini abbużivi ta' tfal, u sabiex jiġu identifikati adulti involuti, u jiġu ddentifikati t-tfal sabiex jieqaf l-abbuż.

Ta' min wieħed jgħid illi l-operat ta' din it-Taqsima fi ħdan il-gruppi msemmija huwa wieħed pjuttost pożittiv, speċjalment fejn tidħol l-istrateġija, fejn il-kontribuzzjoni hija waħda kbira. F'dan ir-rigward fit-3 ta' Mejju, 2005, Malta, permezz ta' din it-Taqsima pparteċipat fl-Operazzjoni Callidus fejn ġew identifikati erba' Maltin li kellhom konnessjoni ma' pussess ta' materjal pornografiku li jinvoli t-tfal.



Il-membri ta' din it-Taqsima mhux l-ewwel darba li pparteċipaw f'inizjattivi fuq miżuri ta' sigurta' u edukazzjoni, speċjalment kif wieħed għandu juża' l-kompjuter. Fost dawn l-inizjattivi, wieħed isib l-involviment fin-National Task Force Against Child Abuse over the Internet. Din it-Task Force preżentat numru ta' rikkomandazzjonijiet bil-għan li tipprevedi milli dan it-tip ta' reat iseħħ u sabiex tiffaċilita l-ko-operazzjoni bejn il-Pulizija u Aġenziji oħrajn li jaħdmu f'dan il-qasam. Fost ir-rikomandazjonijiet kien hemm it-twaqqif tas-Cyber Crime Unit u l-iżvillup tas-sit elettroniku tal-Korp (www.pulizija.gov.mt).

Din it-Taqsima tagħmel ħafna xogħol minn wara l-kwinti. Fil-fatt din it-Taqsima tagħmel parti minn katina kbira sabiex jissaħħu il-forzi kontra dan ir-reat. Forza li taħdem id f'id magħha hija l-Aġenzija APPOĠĠ, fejn flimkien mat-Taqsima ta' Kontra l-Vizzji jipproduċu kemm materjal kif ukoll sezzjonijiet sabiex il-membri taż-żewġ entitajiet ikunu imħarrġa sew.

Fuq bażi regolari jsiru sezzjonijiet ta' taħriġ lill-istudenti ta' l-MCAST, lill-membri tal-MITTS, l-Awtorita' Maltija tal-Kommunikazzjoni, u dawk mill-Ministeru ta' l-Informatika u l-Investiment.

Is-Sur Caruana saqsejtu fuq is-suċċessi miksuba mit-tim tiegħu, u b'sodisfazzjon sostna illi għalkemm nukleu żgħir, xorta ħalla l-marka tiegħu kull fejn ħadem. B'nofs daħka, iżda b'serjeta' liema bħala, lissen li għalkemm jixtieq li l-iskwadra tiegħu tikber, sakemm din iseħħ xorta ser jibqgħu jagħtu l-100% tagħhom.

Sostna wkoll illi s-suċċessi miksuba sa issa kienu frott ta' ħafna sagrifiċċi u inizjattivi li ttieħdu sabiex ix-xogħol dejjem sar fil-ħin, speċjalment dak il-materjal li jrid jiġi ppreżentat bħala evidenza fil-Qorti.

## X'hemm ippjanajt għas-sena 2006?

Baqa' ħafna xi jsir, pero' kuntent b'dak kollu li nkiseb sa issa. Proġetti għal futur hemm, imma l-aktar rwol importanti huwa li s-sehem tagħhom kemm fil-Europol kif ukoll fl-Interpol ikun aktar effettiv minn qatt qabel. Ma jonqos ukoll l-involviment fil-COSPOL.

L-isfida għat-tim tas-Sur Caruana huwa li f'Mejju ser ikun hawn Malta membri mill-COSPOL sabiex jitkompla proċess fl-operat għal-użu ħażin tal-komjuter. L-iktar ħaġa mportanti hija li n-nukleu żgħir ta' din it-Taqsima ser imexxi din il-laqgħa. Unur li mhux biss immur għal dawn il-membri iżda wkoll għall-uniformi li jirrappreżentaw. Il-qsim ta' materjal u esperjenzi żgur ser iħalli is-siġill tiegħu fuq dawn il-membri.



Involvement interessanti ieħor huwa fin-National E-Security Working Group li ser jkun mniedi aktar tard din is-sena u li ser imexxija, ħadd inqas mill-Ispettur Caruana. Din bla dubju ta' xejn ser tkun opportunita' tad-deheb fejn din id-darba ser tkun il-Pulizija ta' Malta li ser tmexxi forum fejn il-parteċipanti ser ikunu minn madwar l-Ewropa.

## Apparat użat

Pero' biex isir dan ix-xogħol kollu, x'għodda tintuża'? Sabiex din it-Taqsima tkun tista' taħdem u tiffunzjona kif suppost, trid tkun mgħammra b'apparat apposta, u għalhekk din it-Taqsima hija mgħammra b'laboratorju li fih l-aħjar teknoloġija li hawn fis-suq fejn jidħlu sistemi kompjuterizati fil-forensika xjentifika. Ta' min wieħed jgħid li grazzi għal din it-tip ta' teknoloġija kull każ li ġie investigat sar mingħajr problemi ta' xejn. Kif kulħadd jaf, it-teknoloġija llum tinbidel mill-lejl għan-nhar u għalhekk huwa mportanti li din it-Taqsima tibqa' kontinwament titrawwem f'sistemi u operati differenti li joħorġu minn żmien għal ieħor sabiex id-dmirijiet ikun jistgħu jiġu moqdija aħjar.

**Taħriġ**

L-aktar pass importanti sabiex wieħed jimxi 'l quddiem u jkun kompetenti fix-xogħol tiegħu huwa bla dubju ta' xejn it-taħriġ. Huwa rrelevanti li jkollok l-aħjar materjal, sistemi u ekwipaġġ jekk min ser iħaddem dan kollu ma jkun jifhem xejn. Il-membri ta' din it-Taqsima bbenefikaw minn korsijiet u taħriġ speċjalizzat kemm lokali kif ukoll barra minn xtutna. Fost dan it-taħriġ speċjalizat insibu dak relatat ma' l-Investigazzjonijiet fuq in-Network u IT Forensics li sar ġewwa Wyboston l-Ingilterra organizzat mill-program AGIS u taħriġ ieħor sar mill-Interpol kif ukoll mill-COSPOL fuq is-sistemi LINUX u peer-to-peer network investigations training rispettivament.

Kif sostna l-Ispettur Caruana it-taħriġ huwa xi ħaġa kontinwa u mhux xi ħaġa tal-mument u daqshekk, speċjalment fejn tidħol t-teknoloġija ta' l-informatika. Huwa għalhekk importanti li



dawk it-Taqsimiet, Branki u Sezzjonijiet fi ħdan il-Korp li huma speċjalizzati jkollhom taħriġ kontinwu sabiex jassigura kull suċċess għal futur.

**L-Uffiċju ta' l-Statistika**

Taqsima oħra li taqa' taħt l-Ispettur Paul Caruana hija dik ta' l-Istatistika. Magħmula minn ħamsa minn nies - is-Surġent 1487 John Cassar, il-kuntistabbli 35 Priscilla Caruana, il-kuntistabbli 179 Tania Azzopardi, il-kuntistabbli 190 Elizabeth Hopkins u l-kuntistabbli 232 Nathalie Zerafa. Nukleu żgħir ta' nies li bejniethom ilaħqu mad-domanda qawwija għal informazzjoni, kemm minn naħa tal-Pulizija kif ukoll minn dak pajżan.

Ix-xogħol primarju ta' dawn il-membri huwa li jaraw li r-rapporti kollha li jiddaħħlu fil-P.I.R.S. (Police Incident Reporting System) ikunu klassifikati kif suppost. Huwa mportantissimu li l-materja prima, u ċioe' l-informazzjoni li tifformula r-rapport mill-bidu sa' l-aħħar, tkun kif suppost; kompluta u eżatta. L-elementi li jsawwru r-rapport jiddeterminaw l-azzjonijiet kollha li jkunu ser jittieħdu wara, kemm meta jiġi biex jissolva l-kaz jew reat, kif ukoll meta toħroġ statistika.



Bħal uffiċini oħra li jaqdu l-istess funzjoni, din it-Taqsima hija responsabbli li tippubblika rapporti fuq bażi regolari kif ukoll ad hoc. Fattur importanti fix-xogħol ta' din it-Taqsima huma żewġ rapporti li joħorġu fl-aħħar ta' kull xahar - rapport fuq statistika ġenerali u statistika ibbazzata fuq reati rraportati kull xahar. L-informazzjoni miksuba f'dawn ir-rapporti hija kwalitativa' kif ukoll kwantitativa'. Rapporti oħra jkopru statistika fuq serq ta' u minn vetturi u dwar inċidenti stradali.

L-Ispettur Caruana sostna li permezz ta' dawn ir-rapporti wieħed ikollu stampa ċara dwar il-bidla fil-kriminalita' f'pajjizna, speċjalment meta jiġu mqabbla mas-snin u x-xhur preċedenti.

Id-domanda għall-informazzjoni hija waħda kbira, u din tintalab minn Dipartimenti kemm tal-Gvern u privat, minn studenti u akkademiċi, kif ukoll mill-ġurnalisti. Mistoqsi kemm hija kbira d-domanda għall-informazzjoni, s-Sur Caruana qalilna li kuljum jidħlu mhux inqas minn erba' talbiet, fejn l-informazzjoni mitluba hija waħda varjata. Sostna li on paper din tidher żgħira u pjuttost faċli, iżda l-firxa tad-domandi ħafna drabi titlob ħafna ħsieb u ħin. Informazzjoni tvarja minn serq għal inċidenti stradali, dwar persuni nieqsa u nċidenti oħra.

Assistenza tingħata wkoll meta tintalab informazzjoni minn istituzzjonijiet bħal Interpol, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropeja, Europol, kif ukoll l-Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika Maltija. Barra minn hekk dan l-uffiċju huwa nvolut sew fejn jidħlu tweġibiet ta' Mistoqsijiet Parlamentari. Hawnhekk tidher l-importanza ta' din it-Taqsima u l-ħidma tal-membri fi ħdan l-istess Taqsima.

Is-Sur Caruana faħħar lil membri ta' din it-Taqsima għad-dedikazzjoni li juru kemm lejn ix-xogħol kif ukoll għar-responsabilta' ta' kull membru sabiex jara li l-informazzjoni mitluba toħroġ kemm jista' jkun malajr u iżjed importanti minn hekk, eżatta. Fattur importanti ħafna huwa li għalkemm ix-xogħol żdied konsiderevolment, rari kien hemm kummenti dwar is-servizz provdut minn din it-Taqsima. Din l-esperjenza twitti t-triq għal pjanar ta' proġett importanti bħal dak ta' Schengen.

**Nota konklusiva**

Dan l-artiklu ffoka fuq żewġ Taqsimiet li jaqgħu taħt is-supervizzjoni diretta ta' l-Ispettur Paul Caruana. Il-kompetenza tal-membri f'din it-Taqsima huwa wieħed impekkabbli, meta titqies il-pressjoni mponuta fuqhom minħabba l-urġenza tax-xogħol.

Laqatni l-fatt li għalkemm hemm differenza fir-rankijiet, il-gratitudni lejn is-subordinat hija kbira.



Għalkemm f'ħarġa preċedenti ingħatat informazzjoni fuq it-Taqsima tat-Teknoloġija Informatika, fil-verita' dawn huma Taqsima waħda. Ma kienx ikun opportun u ġust lejn ħadd kieku dawn it-Taqsimiet saru f'ħarġa waħda. Kontra għal dak kollu li jista' jingħad, ma jeżistu l-ebda frontieri bejn dawn it-Taqsimiet, kulħadd jaħdem fl-għalqa speċjalizzata tiegħu, fejn l-għan aħħari huwa wieħed - dak li jingħata servizz kif suppost lil membri tal-Korp kif ukoll lil membri tal-pubbliku.




It's nice to know that you have the freedom to realise even the funniest ideas. The Kalos is amazingly practical, good looking and well equipped. It's also a very good deal with fantastic prices! Models available are the all-new sporty 3-Door or the always functional 5-Door.

**Call 22781278 to book a test drive today!**

CHEVROLET

**MIRA MOTOR SALES LTD**

MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES. Mriehel By-Pass, Mriehel.

Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150 E mail: chevy@zamgroup.com **www.chevrolet.com.mt**

# Xuereb Installations Ltd.

Tal-Hlas Road, Qormi

T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834

E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com

SUPPLY AND INSTALLATION OF ALL KINDS OF GYPSUM AND MINERAL FIBRE SOFFITS, BULKHEADS AND COVING, DEMOUNTABLE AND GYPSUM PARTITIONS.






# L-Impenn

# tal-Korp tal-Pulizija

# waqt

# iċ-CHOGM

**Introduzzjoni**
Iċ-CHOGM ġie u għadda u kif jgħid il-Malti iktar iddum tip-prepara milli tgawdi. Saru preparamenti kbar sabiex kemm l-isem ta' Malta kif ukoll isem il-Korp tal-Pulizija ma jittapnux. Wieħed ma jridx jinsa' l-fatt illi ftit qabel kellhom jaslu l-Kapijiet ta' l-Stati fi ħdan il-Commonwealth, id-dinja kienet mhedda minn attakki u theddid terroristiċi, u għalhekk is-sigurta' kellha tkun waħda kbira.




Għalkemm kulħadd jaf x'kien jirrikjedi minnu fil-ġimgħa hekk imsejjħa taċ-CHOGM, ikun opportun li naraw kif seħħew il-preparamenti għal dan l-avveniment. Wieħed jista' jgħid li sehem il-Pulizija kien mill-kbir saż-żgħir - mingħajr ebda fruntieri. Forsi għal xi wħud din kienet esperjenza xi ftit qarsa, pero' kien bis-sehem tiegħu jew tagħha li dan l-avveniment kien wieħed ta' suċċess, u dan deher mill-ħafna ittri u kummenti li ntbagħtu kemm lil Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll il-ħafna ittri li dehru fil-ġurnali lokali.

**X'hiex kienu jirrikjedu l-preparamenti?**
Wieħed ma jridx jinsa' li f'pajjiżna, għalkemm saru bosta laqgħat li kienu ta' ċerta mportanza, Malta qatt ma ospitat 53 Kap ta' Stat fl-istess żmien.

Ma kienx ikun opportun li kieku ma ħadniex kummenti mingħand membri li ħadmu bi sħieħ sabiex dan l-avveniment ikun wieħed ta' suċċess. Bla dubju ta' xejn il-bniedem l-aktar involut kien propju il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo.

Kienet għadma iebsa dik li kienet fdata f'idejn il-Kummissarju li pero' b'għaqal u b'determinazzjoni għaraf jaqbad il-barri minn qrunu.



Fi kliem il-Kummissarju, peress li l-Pulizija kellha tkun il-key player f'dan l-avveniment, twaqqaf Kumitat ad hoc sabiex jibdew il-preparamenti, speċjalment dak mill-att loġistiku. Importanti f'dan ir-rigward kien li l-Kumitat kien magħmul minn membri f'kull rank li jħaddan il-Korp.

L-ewwel pass li sar sabiex wieħed ikun jista' jħoss xi tfisser torganizza laqgħa ta' dan il-livell, u fl-istess ħin tintrebaħ l-ewwel esperjenza, is-Supretendent Edward Mangion kien intbagħat bħala scout fiċ-CHOGM li sar in-Niġerja fis-sena 2003. L-inkarigu tas-Sur Mangion kien li janalizza u jiġbor kemm jista' jkun informazzjoni, ħaġa li ma kienetx daqshekk faċli.

Sabiex inkunu għal altezza tas-sitwazzjoni, il-Kummissarju beda l-laqgħat minn ħafna żmien qabel. Saru laqgħat kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna, fejn kien ikun ukoll preżenti l-Assistent Kummissarju Andrew Seychell li kien nominat sabiex jirrappreżenta lil Kummissarju f'ċertu laqgħat li ma setax jattendi l-istess Kummissarju. Twaqqaf ukoll Kumitat mill-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta li kien presedut mill-Ambaxxatur Salv Stellini, fejn is-Sur Seychell kien rappreżentant tal-Pulizija.



Kien hawnhekk li ġie deċiż li l-Kummissarju kellu jkun overall in charge mis-sigurta'. Parti mix-xogħol kien jikkonsisti fil-ko-ordinament tat-taqsimiet l-oħra tal-ordni sabiex jitfassal pjan wieħed ta' sigurta'. Kien għalhekk li twaqqaf Kumitat ieħor fejn kien rappreżentat minn membri tal-Pulizija, dak tas-Servizz tas-Sigurta', mill-Armata, mill-Protezzjoni Ċivili, mit-Taqsima tas-Saħħa, kif ukoll mid-Dwana.

Saru diversi skjedar ta' xogħolijiet li kienet qed tagħmel u x'kien mistenni mill-Pulizija, kif ukoll x'kien mistenni minn kull entita'. Iżjed ma' beda dieħel iż-żmien iżjed bdiet tisemma' l-kelma CHOGM, u hawnhekk wieħed jista' jgħid li bdiet tinħass ċerta pressjoni. L-Ambaxxata Ngliża bdiet turi nteress kbir minħabba l-fatt li kien ser ikun hawn Malta r-Reġina flimkien mad-Duka, kif ukoll il-Prim Ministru Tony Blair.

Kemm il-Kummissarju kif ukoll is-Sur Seychell kienu l-mistednin tal-Pulizija ta' Metropolitan sabiex jaraw kif ċertu taqsimiet jaħdmu, speċjalment meta jkun hemm laqgħat ta' dan il-ġeneru. Sabiex tinkiseb iktar esperjenza d-Deputat Kummissarju s-Sur Joe Cachia kien preżenti għal laqgħa tal-G8, sabiex jara mill-qrib kif titmexxa s-sigurta' f'laqgħat ta' dawn it-tip.

Minn din l-esperjenza il-Korp beda jaġġorna u jatrezza ruħu, speċjalment fl-att strutturali. Għalkemm kienet diġa' mwaqqfa,



it-Taqsima ta' kontra t-Terroriżmu tlaħħmet iktar, fejn ix-xogħol primarju li kien mistenni minnha kien li jiġu evalwati r-rapporti kollha li jidħlu dwar ċerti riskji u wara jirraportaw lura lil Kummissarju sabiex wieħed ikun preparat sew għal kull theddida li seta' kien hemm qabel kif ukoll wara dan l-avveniment.

Kif intqal iktar qabel, it-theddid terroristiku kien fuq moħħ kulħadd, meta wieħed jiftakar li ftit xhur qabel Londra sfat vittma fejn anke mietu n-nies. Dan l-avveniment qanqal sensazjonaliżmu għal fatt li kien indirizzat lejn il-poplu Ngliż, u allura peress li Malta kien ser ikollna nies b'high profile, bla dubju Malta kienet ser tkun target number one. U kien għalhekk li dak in-nhar li l-Kummissarju kien jaf li f'Malta ser tiġi organizzata c-CHOGM inħolqot it-Taqsima ta' Kontra t-Terroriżmu. Wieħed ma jridx jinsa u jneħħi mill-ebda mertu x-xogħol kbir li għamlu n-nies mit-Taqsima tas-Servizz tas-Sigurta', fejn kienu jfornu informazzjoni mhux biss f'dak kollu li kien għaddej fl-Ingilterra iżda wkoll madwar id-dinja, partikolarment fejn jidħlu attivitajiet terroristiċi.

Kien ta' sodisfazzjon li security plan kien lest ħames xhur qabel u għalhekk wieħed seta' jikkonċentra aktar fuq operational plan. Għalkemm il-laqgħa tal-Kapijiet ta' Stat kienet tibda l-Ġimgħa u tispiċċa l-Ħadd, matul dik il-ġimgħa kienu ser jiġu organizzati diversi laqgħat f'diversi postijiet u lokazzjonijiet, u allura wieħed ried jaħseb ukoll għal dawn.

Il-ko-ordinament ta' dan ix-xogħol tħalla f'idejn id-Deputat Kummissarju s-Sur Joe Cachia, is-Sur Seychell kif ukoll l-Ispettur Mario Spiteri. Sabiex ikun hemm viżżjoni ċara ta' dak kollu li kellu jsir, saru diversi laqgħat, saru diversi spezzjonijiet fil-lokazzjonijiet fejn kienu ser isiru l-laqgħat u sar ħafna xogħol minn wara l-kwinti fejn ħallew lil dawn il-membri lejl u nhar jaħdmu sabiex jaraw li kollox ikun kif suppost.

Kif jaf kulħadd, il-lukanda fejn kellhom joqgħodu l-Kapijiet ta' Stat kienet għadha fi stat ta' shell. Pero' dan ma qatgħax qalb il-Pulizija għaliex b'għaqal kbir bena l-pjanijiet tas-sigurta' kif ukoll dawk operazzjonali hekk kif il-lukanda kienet għadha qed itellgħa l-pedamenti tagħha. Post ġdid dejjem iġib miegħu attenzjoni speċjali, u kien għalhekk li surġent u kuntistabbli, u iktar il-quddiem anke fizzjali, bdew il-ħidma tagħhom f'dan il-post sabiex jiffamiljarizaw ruħhom kemm mas-sistemi kif ukoll man-nies li kienu jaħdmu hemm. Permezz tax-xogħol ta' dawn il-membri, il-Korp seta' jkollu viżżjoni aħjar ta' sigurta' f'dan il-post.

Xogħol importanti li sar kien li kull persuna, Maltija jew barranija, li kienet taħdem jew li ser tkun taħdem f'din il-lukanda meta tkun lesta, ġew iċċekjati - mill-att ta' convictions, mill-att ta' rapporti u dan sar konġunt mad-diversi taqsimiet fil-Korp.



Aktar 'il quddiem kienu stazzjonati fizzjali fid-diversi lukandi u postijiet oħra fejn kellhom isiru laqgħat jew joqgħodu d-delegati li kienu ser jakkumpanjaw il-Kapijiet ta' Stat. Eżempju ta' dan huwa l-Ispettur Charles Magri u membri oħra tal-Korp li kienu stazzjonati xahar u nofs ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi sabiex jorjentaw ruħhom kemm man-nies kif ukoll ma' l-ambjent. Wieħed jista' jgħid li dan il-post kien magħruf minn dawn il-membri sa l-inqas toqba li kellu, u dan juri s-serjeta' kbira li kull membru tal-Korp kien qiegħed jaħdem biha.

Il-pjan ta' sigurta' beda jifforma ruħu, bdew joħorġu dawk in-







nuqqasijiet li l-Korp kellu, u kien għalhekk li permezz ta' pjan loġistiku dawn in-nuqqasijiet bdew ftit ftit jimtlew. Inxtara apparat ġdid li l-Korp ma kellux, bħal sar avvanz kbir fit-teknoloġija tar-radios, kif ukoll bdew jitħarġu n-nies f'dik li hija protezzjoni - taħriġ adattat għat-tip ta' protezzjoni li wieħed kellu bżonn.

Skond il-Kummissarju l-ikbar uġiegħ ta' ras kienet minn fejn ser iġib in-nies, sabiex wieħed ikun kapaċi jilqgħa din l-isfida. Għal ewwel darba fl-istorja tal-Korp ġew ingaġġati 9 ekx-membri li kienu ingaġġati f'diversi xogħolijiet.
Kif jaf kulhadd, kemm ir-Reġina kif ukoll id-Duka, in-nisa tal-Kapijiet ta' Stat kif ukoll id-delegati, kollha kellhom il-programmi tagħhom, u dan kien ifisser iktar xogħol għal Pulizija - xogħol ta' protezzjoni u sigurta'.

Peress li lukanda minnhom kienet maqtugħa, inħaset il-ħtieġa sabiex il-Pulizija jkollha kwartieri ieħor minn fejn setgħet topera, u għalhekk ġie ddentifikat Ħal Ferħ. Ħaġa li mpressjonatni f'dan kollu kien il-fatt li l-Kummissarju dejjem żamm f'moħħu is-sigurta' u l-manteniment tal-Pulizija - irrispettivament tar-rank. Skond il-Kummissarju ma kienx ikun għaqli li kieku l-Pulizija wara li jispiċċa xogħolu jmur id-dar - mhux għaqli ikun it-traġġit 'il fuq u l-isfel wara kull shift.

Ħal Ferħ reġa' ġie abbitabli għal tmien mitt persuna, li ħames mija minnhom kienu membri tal-Korp. Ta' min wieħed igħid li x-xogħol kollu li sar f'dan il-post sar mill-membri tat-Taqsima tas-Snajja fi ħdan il-Korp. F'dan il-post kienu wkoll jabbitaw, għas-spejjez tal-Korp, il-53 suldat li kienu jagħmluha ta' xufiera, membri tal-Protezzjoni Ċivili, mid-Dipartiment tas-Saħħa u nies oħrajn.



Għal kuntratju ta' dak li ntqal f'ċerti sezzjonijiet tal-Medja li l-Pulizija riedet tieħu l-merti kollha, u mingħajr ebda ftaħir, kull minn kien Ħal Ferħ, fuq inizjattiva personali tal-Korp, kienu meqjusa qishom familja waħda – u hekk kien jixraq li jsir. Interessanti li wieħed ikun jaf li l-kċina tal-Korp forniet ħmistax-il elf, sitt mija u għaxar ikliet f'perjodu ta' gimgħa, u dan ma jeskludiex l-ikel ta' kuljum li l-kċina kienet tipprepara għall-immigranti illegali.

Hawnhekk il-Kummissarju sostna li kieku ma nġibed ħabel wieħed u kull Taqsima involuta ħadmet id f'id, kieku din il-laqgħa żgur ma kienetx tkun suċċess, kif fil fatt kienet.

Peress li l-pożizzjoni tal-lukanda li kellha tospita l-Kapijiet ta' Stat tinsab fil-miftuħ, dan serva ta' uġiegħ ta' ras fejn tidħol is-sigurta', u għalhekk kien importanti li l-madwar ikun sorveljat mija fil-mija. Għalhekk wieħed seta' jara Pulizija kemm madwar l-għoljiet kif ukoll fuq l-għoljiet innfushom.



Peress li l-Pulizija mhux atrezzatta biżejjed fejn tidħol sigurta' fuq il-baħar, bl-għajnuna ta' l-Armata dan ma kienx ta' detriment u għalhekk kien hemm l-outer offshore sorveljat ukoll. B'dan il-mod wieħed jista' jgħid li kien hemm l-aqwa sigurta'.

Għal raġunijiet ta' loġistika, numru zgħir ta' Kapijiet ta' Stati għażlu li ma jibqgħux mal-Kapijiet l-oħrajn, u dan għal Pulizija, kemm mill-att ta' riżorsi umani kif ukoll ta' sigurta', kien ifisser li kellha tipprovdi Pulizija addizzjonali sabiex tingħata protezzjoni il-post fejn dawn il-Kapijiet kienu ser jabbitaw. Wieħed ma jistax jinsa' li bħal Mr Blair, li kien wieħed mill-aktar nies high profile li kellna u ovvjament





minħabba dak li kien ġara f'Londra, il-preokkupazzjoni tagħna kienet waħda kbira.

Għalkemm kollox kien ippreparat, dejjem ikun hemm xi affarijiet li wieħed ma jkunx antiċipom. Wieħed irid iżomm f'moħħu li għalkemm kull Kap ta' Stat kellu l-programmi tiegħu, wieħed ried joqgħod attent u ma jeskludix il-fatt li dawn riedu jagħmlu xi żjarat personali f'pajjiżna, kif fil-fatt kellna. Fil-fatt kull Kap ta' Stat kellu numru ta' sigurta' miegħu li għal kull eventwalita' li tista' tinqala', għaldaqstant wieħed fil-karozza kien isib ix-xufier li kien mill-Armata, il-Kap ta' Stat u l-mara tiegħu, kif ukoll il-Personal Security Officer. Barra dawn wieħed kien isib isegwihom karozza mis-Servizzi ta' Sigurta' b'żewġ Pulizija fiha.

Barra minnhekk fuq quddiem kien ikun hemm leading car jew mutur, li ukoll kienu Pulizija. Peress li kien hemm Kapijiet ta' Stati li kellhom livell ta' riskju akbar minn ta' ħaddiehor, kien hemm sitta minnhom li ngħataw protezzjoni doppja mill-kumplament tal-Kapijiet l-oħrajn. Dan kien japplika wkoll għall-lukandi jew postijiet fejn kienu jabbitaw.

Meta wieħed ħaseb li l-pjanijiet kienu kollha lesti, il-GWU applikat sabiex tagħmel dimostrazzjoni l-Belt. Il-permess ħareġ, pero' l-uniku preokkupazzjoni li kellha l Pulizija kienet fil fatt minn fejn ser iġib in-nies, meta kull membru kien diġa' assenjat fuq xogħol marbut maċ-CHOGM. Bi ftit ħsieb u għaqal din il-problema ġiet issuperata, u b'koperazzjoni sħiħa minn naħa tal-GWU, għal darb'oħra l-Pulizija ħarġet bl-unuri fejn l-attivitajiet kollha l-oħra baqgħu għaddejjin mingħajr problemi ta' xejn.

Ukoll għall-ewwel darba ġiet organizzata Command and Control Room li kellha l-inkarigu li tieħu ħsieb il-movimenti tad-delegazzjonijiet kollha mill-wasla sat-tluq. Kien hawnhekk li membri mit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili, mis-Servizzi tas-Sigurta', mid-Dipartiment tas-Saħħa u l-Pulizija iffurmaw tim wieħed sabiex ma jkunx hemm ħafna kaptani jidderieġu l-bastiment.

Lil Kummissarju staqsejnieh jekk kienx hemm xi diffikultajiet wara li spiċċat din il-konferenza. Huwa stqarr li matul it-tlett ijiem ta' laqgħat il-moħħ baqa' jħewden u jqis jekk kollox huwiex sew, jew jekk forsi ġiex minsi xi ħaġa li setgħet tħalli xi riperkussjonijiet. Ħaġa oħra li pre-okkupat lil Kummissarju kienet in-nuqqas ta' riżorsi umani, speċjalment il-Ħamis fil-għaxija, fejn kulħadd kien eżawrit, u l-Ġimgħa fil-għodu fejn ittieħdu ammonti kbar ta' riżorsi umani għall-ftuħ tal-konferenza. Wieħed irid iżomm f'moħħu illi l-Korp ma waqafx għax kellu jaħdem iċ-CHOGM, imma x-xogħol normali baqa' għaddej, u għalhekk skond il-Kummissarju kellu l-ikbar uġiegħ ta' ras minħabba r-riżorsi umani. Fill-fatt intalbet l-għajnuna ta' l-Armata sabiex jieħdu ħsieb xi points Għajn Tuffieħa, u grazzi għal Armata intrebħu 30 persuna li dawn ġew utilizati l-Ġimgħa fil-għodu.



Kien hawnhekk li l-Kummissarju ħass li għandu jirringrazza lil kull membru tal-Korp għax-xogħol kbir li għamlu, irrispettivament fejn kienu xogħol, u rrispettivament tal-ħinijiet li nħadmu. Din il-konferenza bla dubju ta' xejn kienet riklam kbir għal Korp tal-Pulizija, fejn tajna risposta li għalkemm żgħar xorta waħda kapaċi nqumu għall-okkażżjoni.

L-aħħar mistoqsija li għamilna lil Kummissarju kienet jekk Malta







terġa' tospita' din il-laqgħa jaħdemx fuq l-istess linji li ħadem, u jekk is-serħan tal-Pulizija jinatax iktar priorita' meta kien hemm min ħareġ fil-ħamsa ta' fil-għodu u inġabar fl-għaxra ta' bil-lejl.

Nista' ngħid mingħajr tlaqliq li għal din il-mistoqsija l-Kummissarju kellu file informazzjoni. Is-soltu f'avvenimenti bħal elezzjonijiet, kemm dik ġenerali kif ukoll tal-Kunsilli Lokali, il-membri fil-Korp jaħdmu fuq shift ta' sitt siegħat ġewwa u sitta barra. Pero' din id-darba inħadem ix-shift ta' tmienja ġewwa u tmienja barra. Kienu biss membri li ħadmu Għajn Tuffieħa li ħadmu sitta ġewwa u sitta barra, u għall-ewwel darba fi żmien il-Korp ħin il-mistrieħ kien imħallas.

B'nofs daħka fuq wiċċu l-Kummissarju stqarr li huwa, li ġej mill-iżgħar rank, min jaf kemm ħadem ħinijiet twal fi strajkijiet tal-ħobż, tax-xarabank, dak ta' l-għalliema, dak tat-tobba, u qatt ma tħallas.

Għar-rigward dawk il-persuni li forsi nqabdu jaħdmu ħinijiet twal, il-Kummissarju skuża ruħu li ġara dan, sostna li żgur ma kienetx intenzjonata jew xi regola ġenerali. Kif jaf kulħadd is-shift kien ta' tmien siegħat barra, fejn wieħed kien imur id-dar jistrieħ, u tmien siegħat ġewwa xogħol.

Sar rendikont ta' kif inħadmu l-ħinijiet ta' kull membru u fl-ebda istant ma kien hemm nies li ħħadmu tlettax jew sittax-il siegħa f'ġurnata waħda. Il-Kummissarju umilment staqsa li jekk hemm xi każijiet bħal dawn jitkellmu sabiex tiġi ddentifikata r-raġuni. Skond il-pjan imfassal żgur ma kienetx l-intenzjoni u lanqas kienet mixtieqa, għal fatt li ċertu postijiet, bħal traffic points kienu jinbidlu kull sitt siegħat, proprju għax wieħed jixtieq nies friski u smart, nies li jagħmlu ġieh lil Korp kull fejn ikunu.



Huma biss affarijiet żgħar li l-Kummissarju jibdel f'każ li Malta terġa' torganizza konferenza ta' dan il-livell. Is-sigurta' kienet waħda massima u allura ftit hemm x'wieħed ibiddel. Ma kien hemm l-ebda inċidenti li wieħed beda jistenna u għalhekk il-pjan kien wieħed ta' suċċess.

Il-Kummissarju kkonkluda li dan ma kienx suċċess personali għalih, imma suċċess għal Korp inġenerali, għall-Armata, għas-Servizz tas-Sigurta', għall-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll għall-membri tad-Dipartiment tas-Saħħa.

*Kummenti ta' membri li ħadmu mill-qrib ma' persuni distinti u oħrajn li ħadmu minn wara l-kwinti.*

Sabiex wieħed iniżżel il-kummenti kollha miġbura iridu nieħdu l-ispazju kollu f'dan il-magażin. Ħaġa mpresjonanti kienet illi għalkemm kien hemm id-dgergir – minn għax ma setax jorqod waqt li kien Ħal Ferħ għax ħaddieħor għoġbu jirrejżja l-mutur; min għax ħass ħafna bard jew l-għejja bdiet tagħmel tagħha; u min għal ħaġa u min għal oħra, xorta waħda kulħadd ħareġ sodisfat li l-Korp kien kapaċi jqum għal din l-okkażżjoni.



Bħala Kap ta' l-Immigrazzjoni, l-Assistant Kummissarju Andrew Seychell kellu l-ikbar uġigħ ta' ras fil-ħruġ tal-Visas, fejn inħarġu mhux inqas minn 9,000 Visa. Sabiex dan seta' jsir saru arranġamenti ma' l-Ambaxxata Maltija ġewwa Londra kif ukoll mal-Ministeru ta' l-Affarijiet barranin.

Pero' fi ftit kliem is-Sur Seychell sostna li la rnexxilna nagħmlu dan it-tip ta' impenn nagħmlu impenni oħrajn.

Bħala kap tat-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni żgur li fuq moħħu





kellu d-diċeriji li bdew ħerġin minn sezzjonijiet varji tal-medja, kemm lokali kif ukoll barranin, fuq attakk terroristiku waqt iż-żjara tar-Reġina ġewwa Malta. Pero' wieħed jista' jgħid li t-theddid kien dejjem implikat bħala wieħed baxx, u dan grazzi għax-xogħol u r-responsabbilta' kbira li n-nies ħadmu biha.

Kif intqal ftit qabel, inħolqot Command and Control Room li kien inkarigat minnha l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi. Xogħol importanti għal din it-Taqsima kien il-ko-ordinament ma' kull membru tal-Korp mal-wasla tal-Kapijiet ta' l-Istati sakemm dawn jiġu sabiex iħallu pajjiżna. Din kienet biċċa xogħol delikata ħafna meta wieħed iqis il-fatt li kien hemm mumenti meta parti mill-Kapijiet għamlu żjarat privati madwar il-gżira, kif ukoll kien hemm min mar jitlob f'postijiet rispettivi ta' talb.

Is-Sur Cauchi stqarr li meta post bħal dan ikun attrezzat b'dak kollu li hemm bżonn, wieħed ftit li xejn jibża', għal fatt li flimkien miegħu u membri oħrajn tal-Korp kien hemm membri mill-Protezzjoni Ċivili, mit-Taqsima tas-Servizzi tas-Sigurta', mid-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll mill-Armata. Kull movement li sar seta' jiġi segwit permezz ta' kameras li tpoġġew f'kull lukanda kif ukoll f'postijiet loġistiċi li minnhom kellhom jgħaddu l-Kapijiet ta' l-Istati. Kienu wkoll utilizzati s-sistema tad-Datatrak kif ukoll il-helikopter ta' l-Armata li żamm kuntatt kontinwu ma' din it-Taqsima.

*Ħassejt responsabbilta' sabiex mhux jien biss naħdem tajjeb imma mportanti wkoll dawk in-nies li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbilta' tiegħi. Kien xogħol li ser jirrifletti fix-xena internazzjonali.* Dan il-kumment ħadnieh mingħand l-Assistent Kummissarju Brincat, fejn tidher biċ-ċar il-livell ta' determinazzjoni li kellu dan l-Uffiċjal.

Bħal kulħadd il-biża' li kien hemm kienet tirrifletti biss fuq dawk l-istanti li l-Pulizija ma kellhiex kontroll assolut fuqhom, bħal xi demostrazzjoni minn gruppi kemm Maltin kif ukoll barranin. Għalkemm barra naraw dawn it-tip ta' inċidenti f'avvenimenti simili, wieħed irid jiftakar li din kienet l-ewwel esperjenza tagħna, esperjenza li kulħadd ħareġ sodisfat kemm personalment kif ukoll bħala Korp.

Ko-ordinament li seħħ bejn is-Sur Brincat u s-Supretendent Bayliss f'dan l-avveniment kienet is-sigurta' globali għal waqt iċ-CHOGM. Għas-Sur Bayliss dan kien ifisser taħriġ tan-nies, kif ukoll osservazzjoni kompleta tal-postijiet l-aktar prominenti. Il-biża' tas-Sur Bayliss kienet jekk il-membri li kellu jieħu ħsieb iħarreġ kienux kapaċi għall-avveniment kbir bħal dan. Kif jgħidu, iż-żmien jagħti raġun, u dawk il-membri kollha li tħarrġu ħarġu bl-unuri kollha.

L-ispontanjeta' kienet biża' ewlenija għal dan l-uffiċjal, għalkemm kulħadd kien fuq alert massimu, xorta kien hemm membri li kienu nieqsa minn ċertu esperjenza dwar sigurta' ma' dignitarji. Dan ma jneħħi mill-ebda mertu ta' l-istess membri waqt il-ħidma tagħhom f'dan ir-rwol ġdid.

Mistoqsi dwar il-kontribut tiegħu f'dan l-avveniment, is-Sur Bayliss sostna illi *dan kien dmiri, xogħoli u nħalli lis-Superjuri tiegħi sabiex jiġġudikawni.*

Wieħed ma jistax jinsa' l-fatt illi x-xogħol ma kienx jikkonsisti biss mal-Kapijiet ta' l-Istati, imma kien hemm ukoll attivitajiet organizzati għan-nisa ta' l-istess Kapijiet, inkarigu li ngħata lis-Supretendent Alexandra Mamo li kienet mgħejjuna minn diversi uffiċċjali oħra tal-Korp.

Ir-responsabbilta' għal dawn il-membri kienet kbira, meta wieħed jiftakar illi f'ħafna istanti kien hemm kuntatt dirett mall-pubbliku Malti. Mhux xi ħaġa ta' kuljum li tara persuni daqshekk importanti fit-toroq tagħna. Għalkemm il-program kien wieħed varjat, in-nisa tal-Kapijiet ta' l-Istati apprezaw il-kultura Maltija kif ukoll it-tip ta' sigurta' li ingħatatilhom.



Rwol importanti ingarr mill-Ispettur John Ellul fejn kellu l-inkarigu li jaħdem fuq l-identity cards li kull persuna li kellha x'taqsam maċ-CHOGM kellu jilbes. Wieħed ma jistax jimmaġina l-ammont ta' xogħol rikjest sabiex dan l-eżerċizzju jitlesta' fil-ħin bl-inqas żbalji possibbli.

Rwol ieħor importanti kien ta' l-Ispetturi Marco Mallia u Alexander Millo fejn flimkien mal-Kuntistabbli Kyle kienu responsabbli mis-sigurta' tal-Maesta' tagħha r-Reġina Elizabetta u dik tad-Duka. Kif sostna s-Sur Millo il-biżgħat li wieħed ikollu waqt ix-xogħol ta' protezzjoni ma humiex biss marbutin ma' meta persuna distinta tkun qalb in-nies għax il-periklu jeżisti dejjem u kullimkien. Għalkemm il-biża' forsi ħadet ir-riedni qabel bdiet il-konferenza, dan serva sabiex dawn it-tlett membri ikunu iktar konċentrati u viġilanti waqt ix-xogħol.

Kumment ġenerali kien li kulħadd ħassu sodisfat illi l-Korp tal-Pulizija afda fih jew fiha u l-aktar importanti li kull Pulizija qam għall-okkażżjoni.

Ħajr għar-ritratti jmur għal Ps516 Alfio Borg, Pc561 David Portelli, Pc209 Joseph Debattista, Times of Malta u d-DOI.



# GMF

MANUFACTURES OF PRE-STRESSED CONCRETE SLABS FOR ALL TYPES OF CONSTRUCTION

150mm for spans up to 8 metres
230mm for spans up to 10 metres
250mm for spans up to 11 metres
330mm for spans up to 14metres
350mm for spans up to 14metres
400mm for spans up to 18metres
425mm for spans up to 18metres
450mm for spans up to 18metres
475mm for spans up to 18metres
500mm for spans up to 18metres
525mm for spans up to 18metres




E-mail: gmfprecast@melita.net

**GMF PRECAST LTD.**

St. Mary Street, Maghtab, Malta. Tel: 2143 4682. Fax: 2143 7419
Mob: 9949 0882, 9943 7538






# Quantum

Precision Engineering & Sports Shooting Supplies

No. 118, Palm Street, Paola PLA03
telephone : 21693196
telefax : 21693204
mobile : 99470176
email : quantum@keyworld.net

Law Enforcement Weapon Systems



CZ
ČESKÁ ZBROJOVKA
www.czub.cz



SABRE DEFENCE INDUSTRIES
www.sabredefence.com



TAURUS
www.taurus.com.br

Officially appointed Agents / Representatives

**GUNSAFES**

Quantum SAFETY FIRST & SECURITY

BRATTONSOUND GUNSAFES

Gunsafes as approved by UK and other overseas Police Forces.

Manufactured according to BS7558/92.

Choice of over 30 different models.



BRATTONSOUND ENGINEERING LTD

www.quantumshot.com


ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES
Your Construction Partner
ATTARD BROS. CO. LTD
CEMENTSTONE MANUFACTURING CO. LTD
A. C. S. ATTARD CONCRETE SYSTEMS
ATTARD BLUE MIX
EUROCRAFT LIMITED
www.attardbros.com
Civil Engineering Contractors, Manufacturers of all kinds of Building Material & Contract Joinery Works
'Mikesand', Industrial Zone, Ta' Qali RBT 13
T: 2141 5332 ~ F: 2143 0967
email: info@attardbros.com


Credit Rescue
5091 1101
biex tagħti Lm1
Meta xi ħadd jispiċċa bla kreditu kull ma trid tagħmel hu li tibgħat SMS bin-numru tal-persuna fuq 5091 1101.
It's a way of life
Ghal aktar dettalji ċempel Customer Service fuq 247 (B'XEJN) mill-Vodafone tieghek jew 2148 2820 min telefon ieħor. Regoli u kondizzjonijiet japplikaw.
www.vodafone.com.mt
vodafone


Logografix
SIGNS
www.logografixsigns.com
Vehicle Wrapping
392, Cannon Rd.Sta Venera HMR 07
T 21498829 M 79791515 F 21447508

# KOMPETIZZJONI

F'din il-ħarġa ser tiġi mnedija kompetizzjoni li għaliha jistgħu jipparteċipaw il-membri kollha tal-Korp kif ukoll dawk il-membri li huma regolari fil-menswalita' tagħhom fl-Għaqda Pulizija Pensjonanti. Il-Bord Editorjali kif ukoll l-awtur tal-passaġġ huma esklużi milli jipparteċipaw.

Ma' din il-kompetizzjoni hemm marbuta żewġ rigali, wieħed ta' ħmistax-il lira (Lm15) u l-ieħor ta' għaxar liri (Lm10).

Kulħadd huwa mħeġġeġ sabiex jipparteċipa.

Saru l-ħdax ta' fil-għaxija (23:00) u inti qiegħed xogħol l-Għassa ta' tas-Sliema, jidħol raġel u jsaqsi sabiex jagħmel rapport. Ir-raġel sostna illi matul dawn l-aħħar xhur qed jiġi skomodat minn storbju li kien ġej minn Bar li jinsab ftit 'l isfel mir-residenza tiegħu.

Il-kwerelant mhux qed jitlob sabiex tittieħed azzjoni kontra l-Bar, imma kontra l-ġemgħa li toħroġ mill-istess Bar fit-tlieta ta' filgħodu (3.00) meta dan il-Bar jagħlaq.

**1.** X'tip ta' rapport ser jiddaħħal?
**2.** X'azzjoni tista' tittieħed kontra tal-Bar?
**3.** Għandhom jinħarġu akkużi?
**4.** Jekk jinħarġu ċ-Charges, liema l-liġijiet ġew miksura u għal liema raġuni?

Ir-risposti għandhom jintbagħtu fl-indrizz:- L-Editur 'Il-Pulizija', CMRU, Kwartieri Generali tal-Pulizija, Furjana. Inkluż mar-risposti jrid jitniżżel l-isem tal-parteċipant, ir-rank u/jew n-numru, u fejn il-parteċipant huwa stazzjonat. Fil-każ ta' ex-membri tal-Korp, dawn għandhom jinkludu l-isem, l-indirizz u numru tat-telefon. Ir-risposti jridu jaslu fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard mit-Tnejn 24 ta' April, 2006.

## Kompetizzjoni - Maskot tal-Pulizija

Ser tiġi mnedija wkoll kompetizzjoni bi premju għall-aħjar karikatura għall-maskot tal-Pulizija, liema karikatura wara tinbidel għal dik ta' maskot. Il-ħsieb huwa li dan il-maskot jiġi introdott f'Jum il-Pulizija ta' din is-sena kif ukoll ikun parti integrali mill-kampanja edukattiva tal-Korp.

Għal daqstant dawk kollha li jixtiequ jipparteċipaw huma mitluba sabiex iġibu l-karikatura tagħhom, liema parteċipazzjoni tista' ssir b'iktar minn karikatura waħda, l-uffiċċju tas-CMRU, **MHUX aktar tard mit-Tnejn 10 ta' April, 2006**.

**Għal aktar informazzjoni tistgħu ċċemplu l-uffiċċju tas-CMRU fuq in-numru 2294 2667.**



Supt.
Raymond G. Zammit

# Tribute to our Heroes

Kien wara l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb bl-isem *Meta jikbi l-Korp* li donnu ħareġ fil-beraħ iktar interess għall-pubblikazzjoni bil-lingwa Ingliża. Ngħid il-verita' ma kontx konxju wisq li għandu jkun hemm xi pubblikazzjoni oħra, u dan għal ħafna raġunijiet, fosthom dawk ta' finanzi nvoluti kif ukoll kemm ser ikun viabbli l-interess fost il-pubbliku Malti.

Pero' wara li kelli diversi talbiet biex dan iseħħ, speċjalment minn qraba ta' diversi personaġġi msemmija fl-edizzjoni Maltija, biex b'hekk ikunu jistgħu jwasslu dan il-materjal lill-qraba msiefra, flimkien ma għajnuna finanzjarja meħtieġa ġiet solvuta, grazzi għal diversi sponsors middejt għonqi għax-xogħol biex dan inkun nista' nwettqu.

Inżid ngħid li kien ta' sodisfazzjon kbir personali li waqt li komplejt nillostra xi affarijiet diġa' ppubblikati fl-ewwel edizzjoni, kemm f'dawk li huma stejjer kif ukoll ritratti, nħossni ffortunat li ngħatajt għajnuna f'dik li hija nformazzjoni, biex b'hekk l-edizzjoni l-ġdida setgħet titwassal b'materjal miżdud u ta' ċertu nteress.

L-istess kien is-sodisfazzjon tiegħi meta minn ġewwa l-Awstralja ġejt ikkuntatjat mill-kontributur ta' The Times, is-Sur Albert W Agius, fejn wera' nteress fuq dan il-materjal. Ħaġa oħra li qawwietli fehmti biex din il-pubblikazzjoni bil-lingwa Ngliża sseħħ kienet minħabba dawk it-turisti Ngliżi li jżuru pajjiżna, fejn fosthom ikun hemm min hu membru ta' xi Korp pulizjesk jew illum irtirat li minn żmien għal żmien iżuru l-mużew li jinsab fi ħdan il-Kwartieri tal-Pulizija u jistaqsu għal xi materjal bil-lingwa tagħhom.




Iżda ma nħoss li f'dan l-artiklu m'għandix nesprimi n-naħa negattiva wkoll. Huma dwejjaq tiegħi meta nosserva li huma ħafna dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li ma jagħtux każ l-istorja pulizjeska f'pajjiżna, iktar u iktar meta llum huma membri ta' l-istess familja li fuq dak li bnew ta' qabilna rridu nkomplu nibnu aħna u dawk ta' warajna. Għalhekk inħeġġeġ lil kull membru biex kull materjal, hu x'inhu u ta' liema awtur hu, ibbażat fuq il-Korp pulizjesk ta' Malta, għandu jaqsam post fost l-interessi l-oħra personali, biex b'hekk kemm l-imħabba kif ukoll l-interess għax-xogħol pulizjesk jissaħħu.

Nixtieq inżid li meta tidħol kemm f'qari, iżda bla dubju ta' xejn f'dik li hija riċerka, issib li l-Korp hu għani b'diversi kulturi li diffiċli li l-pajżan jifhimhom, huma aħna li nkattruhom flimkien mal-qraba tagħna.

Ma nistax ma ngħalaqx dan l-artiklu fejn ma nirringrazzjax lil dawk kollha li għenu finanzjarjarjament biex din il-pubblikazzjoni setgħet isseħħ, lis-Sinjuri Victor Grech, Franco Farrugia, Mario Gauci u Richard Bradshaw rispettivament. Ringrazzjamenti oħra kemm lis-Surġent 1437 Norman Xuereb li għen ħafna f'diversi preparamenti kif ukoll lil Ispettur Stephen Micallef li bl-għajnuna li offrew stajt inlesti l-pubblikazzjoni fil-ħin. Grazzi speċjali wkoll lill-Kappillan tal-Korp Patri Raymond Bonniċi li offra artiklu għad-daħla tal-ktieb kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo għal inkoraġġiment kontinwu li dejjem offra.

# TATA... AS SPECIAL AS YOUR NEEDS!



FMC Motors Ltd.
An Importer of TATA Vehicles

TATA

All TATA vehicles conform to EU Regulations & Carry a 3 Year Warranty.

**FMC MOTORS LTD. 67, CANNON ROAD, ST. VENERA**

TEL: 21 245953 FAX: 21 446792 E-MAIL: info@fmc.com.mt www.fmc.com.mt



www.medcomms.com.mt

GARMIN. STREETPILOT NUVI 350




THE ULTIMATE TRAVEL COMPANION

NAVIGATION

TRANSLATION

REVELATION




Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS

4, Msida Road, Gzira Tel: 2133 5521 Fax: 2131 0820
Mob: 7947 1291 Email: admin@medcomms.com.mt



LBA INTERNATIONAL LIMITED

# ADVANCED PERSONAL PROTECTION FROM LBA INTERNATIONAL LIMITED



LBA International Ltd has for over 25 years been at the forefront of designing and manufacturing the best Ballistic Protection Systems available to the Armed Forces, Police and Security Personnel throughout the world. The LBA range of products exceed current UK and Home Office, MIL and NIJ standards all being manufactured to the Quality System Standard BS EN ISO 9001: 2000.
Ballistic Products are tested by independent laboratories, as well as in our own ballistic test range where all the most up to date facilities are available.

**The LBA International range of items includes:**

- PERSONAL BODY ARMOUR
- BALLISTIC HELMETS
- BALLISTIC SHIELDS
- HELMET VISORS
- BOMB SUPPRESSION BLANKET
- BOMB INHIBITOR



Agents in Malta: **UNIFORMITY LIMITED**
Contact telephone number: (+356) 2131 0945/6 Fax: (+356) 2349 6128



Charles Calleja
FOTO-ISH
the Studio
Dedicated photography in all occassions.
Weddings
Studio Portaiture
Commercial Studio
Architecture
Marina Court, 41 Sir Ugo Mifsud Str. Ta'Xbiex
21 34 77 27 - 99 49 97 27 - info@ foto-ish.com




Closer to YOU than ever
At APS Bank we are always getting closer to your needs
Now, more than ever, with several branches and ATMs throughout Malta and Gozo, we are closer to you.
Today we offer a wider network serving a range of customised products and services.
VALLETTA
MOSTA
PAOLA
FLORIANA
BAY STREET- ATM
VICTORIA - GOZO
ATTARD
APS bank
ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO
The Bank You Want Us To Be
www.apsbank.com.mt




Sandro Azzopardi
GIOIELLERIA
243A TOWER ROAD, SLIEMA Tel: 21 346560
45 ZACHARY STREET, VALLETTA Tel: 21 227185
www.sandroazzopardi.com

# Xogħol ta' Manutenzjoni mill-membri tal-Korp

Kull post li jkollu bżonn xi tip ta' manutenzjoni mill-ewwel tara lil sidu jagħmel minn kollox sabiex jirranġah ħalli jkun komdu fih. U hekk ukoll jagħmel il-Korp fid-diversi Għases u Uffiċini. Il-manutenzjoni li saret fil-postijiet tax-xogħol tagħna saret konġunta bejn il-membri mit-Taqsima tas-Snajja flimkien ma' membri oħra fil-Korp li għandhom is-sena tas-snajja.

Ix-xogħol ta' dawn in-nies jidher, u jidher bil-kbir. Huma l-bosta l-postijiet li ttranġaw, imma jkun għajb għalina jekk xogħol dawn il-persuni ma nibżgħux għalih. Kulħadd jaf kemm iridu jintefqu flus biex tiġi rranġata dar, aħseb u ara post li għandu ż-żmien u kemm ħa elementi fuqu, kemm flus iridu jintefqu sabiex dan jitranġa.

Għalhekk wieħed għandu japprezza l-ħin u x-xogħol li ħadu l-kollegi tagħna sabiex il-post tax-xogħol fejn jien u int inqatgħu ħafna mill-ħin tagħna, ikun uman u iktar ikun den għal uniformi li nilbsu. Ser inħallu r-ritratti jitkellmu waħidhom u nitolbukom tapprezzaw dak kollu li sar mill-kollegi tagħna u mhux għax il-post tax-xogħol mhux id-dar tiegħi jew tiegħek, allura nħammġu u ma nibzgħax għalih. Immaġina, kieku l-post irranġajtu inti u qed tara min qed iħamġu – r-reazzjoni tiegħek xi tkun? L-istess reazzjoni tkun ta' dak ir-raġel li rranġa dak il-post li inti jew jien qed inħammġu.

## Għassa San Ġiljan

Qabel



Wara



## Għassa Balzan



## Għassa Ta' l-Għadira





## Għassa Siġġiewi



Qabel



Wara

## Għassa Għaxaq



## Għassa M'Xlokk



Qabel



Wara

## Għassa Birzebuġa

Qabel



Wara



## Għassa Għargħur





## Għassa Marsa





## Għassa Gudja





## Għassa Fgura



Qabel

Wara



## Għassa Attard



## Other Ranks Canteen



## M.I.A.





## Għassa Żebbuġ (Malta)





## Għassa Qawra

Qabel



Wara



## Control Room

Qabel



Wara






Tasty & Fresh
since 1946
Golden Harvest Manufacturing company has been around since 1946. Originally starting off as a small baking company, Golden Harvest has extended their product portfolio by branching off into confectionery and ice cream manufacturing over the past 20 years. Golden Harvest Manufacturing supply a various number of products to both the HORECA trade as well as the retail sector. The latest addition to the Golden Harvest family is their new range of Health products.
ALASKA
ICE CREAM
SINCE 1946
Golden Harvest
THE PEOPLE WHO BAKE TASTY & FRESH
Turu Colombo Sq. Gzira, Malta Tel: 21 332391 - 21 334382, Fax: 21 310044
Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd. is a proud member of the American Society of Baking


Tal-Familja
CAFÈ & RESTAURANT
IT TASTES LIKE HOME-MADE
FAMOUS FOR
• LOCAL FISH
• SHELLFISH
• MALTESE DISHES
OPEN TERRACE FOR SMOKERS
TRIQ IL-GARDIEL MARSASCALA – TEL: 2163 2161 – MOB: 9947 3081


Travel Insurance
Health Insurance
Visit www.middlesea.com
for Health and Travel Insurance quotations online.
PROTECT WHAT MATTERS
Be Prepared. Be Insured.
Middlesea Insurance p.l.c.
Middle Sea House, Floriana, Malta.
Middlesea Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act, 1998 to carry on both Long Term and General Business and is regulated by the MFSA.
COM 6321

TransPak
OVERSEAS REMOVALS LTD



WE PROVIDE

- PACKING
- STORAGE
- SHIPPING
- AIR FREIGHT
- INSURANCE

FOR PERSONAL EFFECTS •
ANTIQUE FURNITURE •
WORKS OF ART •
COMMERCIAL GOODS •

TO ALL PARTS OF THE WORLD TO/FROM MALTA

Move with safety
Ship with ease!!

By road, trailer,
door to door weekly service.

MOVES THE WORLD OVER !
320, Zabbar Road, Paola PLA 16, Malta.
Tel: (+356) 21 821 166, 21 663 081, 21 317 580
Fax: (+356) 21 800 350
E-mail: transpak@digigate.net

EST 1 9 6 9
MOSTA AUTO DEALERS
GREAT DEALS • GREAT SERVICE
GREAT SELECTION • GREAT CARS



WWW.MOSTAAUTODEALER.COM
info@mostaautodealer.com
A Bargain Guaranteed!
139, 163, Constitution Street, Mosta
Tel: 2143 3255, 2143 1825, 2143 3887
Mob: 7949 2974

JOE PACE K3 CO. LTD.
Internal & external plastering and interior & exterior decorations .



▲ Radisson SAS Golden Sands Resort & Spa



Supplies of fire retardant cubicle curtain track systems for hotels and hospitals both locally and abroad. A vast selection of different patterns and colours available for childrens' wards and nurseries. ◄



► Solar Shading Components





Swieqi Apartments ▲



Handrails ▲



▲ Corner protections

BT1, BT2, Bulebel Industrial Estate, Malta • 18, Cardinal Sciberras Street, Qormi
Tel: 21 486597 / 21 693633 Fax: 21 691796 Mob: 9945 3147, 9949 2749
E-mail: k3paints@global.net.mt



Dr. A. Casha BA L.L.D
Supretendent

# L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u l-Pensjoni

Dan l-aħħar kont qed nerġa' naqra il-kitbiet tal-President ta' l-Assoċjazzjoni kif ukoll dawk tas-Segretarju Generali dwar il-ħidma ta' l-Assoċjazzjoni b'risq il-membri tagħha. Sar u qed issir ħafna xogħol siewi minn meta l-Att dwar il-Pulizija daħal fis-seħħ fl-2002. Ta' dan nirringrazja lill-membri tal-Kumitat li ħadmu bi sħiħ, bosta drabi b'sagrifiċċji personali, biex itejbu l-kundizzjonijiet ta' sħabhom fuq il-post tax-xogħol.

Hemm silta li donna tidher f'kull kitba tal-President u s-Segretarju Ġenerali. Din tikkonċerna l-vojt jew il-qabża li hemm bejn il-Kumitat Ċentrali u l-membri tal-Assoċjazzjoni kif ukoll l-apatija tal-membri lejn il-ħidma tal-Kumitat. Inħoss sew is-sens ta' frustrazzjoni tal-Kumitat li donnu qed jitkarrab biex, aħna il-membri, nipparteċipaw aktar fl-Assoċjazzjoni tagħna. Ngħid sew dan jinkwetani xi ftit.

Kullħadd lest biex jeqred u jilmenta dwar kif dik il-ħaġa jew l-oħra mhux sew fil-Korp tal-Pulizija u kif, fl-opinjoni tagħhom, dawn l-ilmenti jistgħu jittranġaw. Sa ċertu punt dan hu sew u ta' minn jinkoraġġih fil-parametri tal-liġi u ta' dak li huwa raġonevoli u xieraq. Pero` meta ddur fuq il-parti l-kbira tal-membri ta' l-Assoċjazzjoni ftit li xejn issib min hu lest li jagħti l-kontribut tiegħu – anke jekk biss bil-preżenza tiegħu jew tagħha f'xi laqgħa jew attivita' l-Assoċjazzjoni! Naħseb kulħadd jiddispjeċieh meta ma tarax u ma tieħux rispons ta' l-isforzi tiegħek. Mhux xi ħaġa ta' issa din – kemm ili fil-Pulizija dejjem hekk nafha. Iżda xorta tinkwetani.

Tħassibni iżjed u iżjed wara li fl-2002 saru riformi kbar dwar il-poteri, funzzjonijiet u l-istatus ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, kemm f'Malta kif ukoll fl-isfera internazzjonali – u dawn il-kisbiet, fl-opinjoni tiegħi, ftit li xejn qedgħin nużawhom jew mhux qed nużawhom sal-potenzjal kollu li għandhom. Sa ftit ilu kull ma kien hemm fl-Ordinanza tal-Pulizija (1961) fuq l-Assoċjazzjoni kienu biss żewġ artikoli. Donna qed ninsew minn fejn ġejjin u f'daqqa waħda rridu nitilqu niġru meta għadna qed nagħmlu l-ewwel passi tagħna.

Hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu fil-qafas preżenti tal-liġijiet u nerġa' ntenni li l-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni diġa' għamel u qed jagħmel xogħol siewi. Riċenti żort il-website ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta (http://www.mpa.org.mt) minn hawn nixtieq nifraħ li dawk responsabbli minn dan il-proġett) u sibt bosta nformazzjoni utili għal membri. Fosthom kien hemm numru sħieħ ta' lmenti li nġabru mill-Assoċjazzjoni waqt laqgħat ta' konsultazzjoni mar-rankijiet kollha fil-Korp bejn it-18 ta' Jannar u it-28 ta' Jannar 2005 fl-uffiċju li l-Assoċjazjoni għandha ġewwa l-Menqa l-Marsa.

F'din il-website ma sibtx x'ġara minnhom dawn l-ilmenti li nġabru fl-2005. Jista' jkun li ttieħdet azzjoni, imma ma stajtx insib informazzjoni dwar dan u forsi sakemm dawn il-kelmtejn tiegħi jiġu ppubblikati, ikun sar xi zvilupp li jiġi ikkomunikat lill-membri. Dan l-eżerċizzju mportanti ta' l-Assoċazzjoni jista' jwassalha biex toħloq lista ta' prijoritajiet biex tressaq quddiem il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar flimkien mar-reviżjoni tal-ftehim eżistenti bejn il-Gven u l-membri tal-Korp tal-Pulizija (1993) li issa żgur għadda żmienu.

Nixtieq nislet punt minn dawk l-ilmenti fejn naħseb li hemm bżonn aktar attenzjoni u għaqal mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kif għandha titrattah. Qed nitkellem fuq il-pensjoni wara 25 sena servizz.

Tista' tgħid li kien hemm kummenti komuni minn kull rank fil-Pulizija dwar dan is-suġġett. Dawn huma wħud minnhom:

- Tiġi studjata il-vijabilita' tal-pensjoni wara ċertu żmien bħal meta wieħed ma' jibqax tajjeb għax-xogħol ta' Pulizija, dan xorta jkollu l-opportunita' li jieħu l-pensjoni anke jekk ma jkunx għalaq 25 sena servizz; u
- Il-pensjonijiet jiġu aġġustati f'persentaġġ kull sena u dan skond l-għoli tal-ħajja.

Mhux se nidħol fil-mertu ta' dawn is-suġġerimenti – nista' ngħid li għandi r-riservi tiegħi dwar l-ewwel suġġeriment waqt li naqbel mat-tieni wieħed.

Iżda' hemm aspett jew fattur li donnu qed jiġi njorat kompletement min-naħa tal-Pulizija. Qed nirreferi għal riformi li qed jiġu proposti għall-pensjonijiet fir-Rapport Finali ppreżentat lill-Gvern mill-Grupp ta' Ħidma fuq il-Pensjonijiet f'Ġunju 2005.

Mad-daqqa t'għajn wieħed jgħid li dawn ir-riformi li qed jiġu proposti ma jgħoddux għall-Pulizija – u li sakemm qed nikteb dan l-artikolu – ma jidhirx li l-Gvern ħa xi deċiżjoni finali dwar dan ir-rapport. Infatti fl-24 ta' Marzu 2005 l-Assoċjazzjoni kitbet liċ-Chairperson, Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet, Unit ta' Appoġġ għall-Kumitati tal-Kabinett, Uffiċju tal-Prim Ministru f'dan is-sens u talbet li jekk ikun se jsir xi tibdil fil-provvedimenti tal-pensjonijiet tal-Pulizija, dan għandu jsir skond l-Att dwar il-Pulizija (Kap.164) fil-qafas tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar. Għalhekk, l-Assoċjazzoni żiedet tgħid li mhux se tagħti aktar kummenti. Dak kollu u jidher li waqafna hemm!

Jista' xi ħadd jgħidli jekk saritx xi evalwazzjoni dwar kif ir-riformi proposti, mingħajr ma jintmess xejn mill-Att dwar il-Pulizija, jistgħu jeffetwa l-valur reali tal-pensjoni tagħna u l-kwalita` tal-ħajja tagħna wara 25 sena servizz għas-soċjeta' Maltija b'sagrifiċċji kbar mhux biss individwali iżda' wkoll tal-familji tagħna? Jien għandi d-dubji

tiegħi kemm dan seħħ sakemm ma jkunx hemm xi ħadd kompetenti li jurini li dan mhux il-każ.

Miniex se nidħol f'dettalji f'dawn iż-żewġ kelmiet – biex ma jkunx hemm xi ħadd li jaħseb li qed inħawwad l-imħuħ jew noħloq skuntentizza fil-Korp. Dan mhux l-għan tiegħi. L-għan tiegħi hu li nħeġġeġ l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, li għandha l-mandat u l-obbligu legali u morali sabiex tħares l-interessi tal-membri tagħha.

Punt ieħor relatat mal-pensjonijiet hu d-diskrepanza li ilha teżisti fil-Korp dwar il-possibilta` li meta membru tal-Korp jasal biex jirtira mis-servizz (pensjoni tat-Teżor) jagħżel hu jekk irridx ibiegħ parti (1/4) mill-pensjoni tiegħu jew le. Din il-possibilta` għadha teżisti għal dawk il-membri tal-Korp li ngaġġaw qabel 1979 iżda' mhux għal dawk li daħlu wara 1979.

Nemmen li dan id-dritt ta' l-għażla għandu jerġa' jidħol għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija mingħajr distinzzjoni. Bis-saħħa ta' dan id-dritt ta' l-għażla, membru tal-Korp jista' jgħażel li jieħu somma ta' flus f'daqqa, flimkien ma' pensjoni mnaqqsa, minflok pensjoni sħiħa. B'hekk dak il-membru jista' jserraħ rasu li jekk jiġi nieqes hu, il-familja tiegħu jkollha xi ħaġa taħt rasha.

Jien miniex xi espert fuq il-pensjoni – iżda' xtaqt naqsam magħkom dawn il-ħsibijiet għax inħoss li l-unika ħaġa li baqgħalna li tiddistingwina mill-parti il-kbira tal-ħaddiema oħrajn f'Malta, huwa propju l-possbilta` tal-pensjoni wara 25 sena servizz. Issa jekk dan id-dritt jitnaqqar u jiddgħajjef, ma jibqalna xejn biex jikkompensa s-sagrifiċji u d-doveri diffiċili li nagħmlu matul il-qadi ta' dmirijietna għall-ġid tas-soċjeta' inġenerali – sagrifiċji u kompiti diffiċili li huma rikonoxxuti minn kullħadd.

Hemm ħwejjeġ oħra fuq x'hiex wieħed jista' jikteb u jikkummenta – dan faċilment tistgħu tarawh mill-lista ta' l-ilmenti li hemm fuq il-website ta' l-Assoċjazzjoni. Iżda' wieħed irid ikun rejalistiku, għax ma' jistgħax issir kollox f'daqqa, u għalhekk nemmen li mportanti li jiġu stabbiliti prijoritajiet ta' talbiet tagħna. Ċertament, dak li diġa' għadna ma nistgħux inħalluh jitnaqqar.

Għaldaqstant, filwaqt li nitlob lill-Kumitat biex jagħmel kuraġġ, inħeġġeġ lill-membri tal-Korp biex ningħaqdu u nagħtu l-appoġġ sħiħ lill-Assoċjazzjoni tagħna sabiex b'mod studjat, serju, komplet u determinat twassal il-ħsibijiet, ix-xewqat u t-talbiet tagħna lill-awtoritajiet kompetenti kollha konċernati fil-qafas ta' l-istrutturi li għandna.





GREENLINES
Environmental
Services Ltd

Suppliers of skips-on-wheels
and daily collectionsof domestic waste
and commercial waste.

Hiring of Mobile Toilets and cleaning
Containers for waste separation

Sky Apartments A/6 177, Marina Street,
Pieta' MSD 08
Tel: 21 236625 / 21 247190
Fax: 21 238836

Mobile: 7949 2406

E-mail:olympia@vol.net.mt

# Quality has a Name




FLUTISAT

**DSB-900FTA** Digital Satellite Receiver
Including full installation with one LNB,
more than 300 free-to-air channels (FTA)
in many languages

Naxxar Road, San Gwann. Tel: 21 386839 Fax: 21 386822
Email: flutisat@maltanet.net www.flutisatmalta.com

# G&P BORG LTD.

BUILDING & CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS
CONCRETE & HOLLOW CONCRETE BLOCKS SUPPLIERS

CONSCARM, TRIQ TAL-IBRAG, TAL-IBRAG STJ 03 - MALTA
TEL: 21374179, 21376961, 21382028, 21382034 • FAX: 21381971 • MOBILE: 9949 7622, 9947 8521

Building Sites | Blok A Brik Hollow Concrete Bricks Plant | Building Sites



Blok a Brik Bricks | RMC and Concrete Pump

## Lill-Kollega u Ħabib Mark Farruga

F'dak il-jum kiesaħ ta' Marzu, ftit ħin qabel iż-żerniq,
il-mewt kiefra ħajtek ħasdet, dlonk madwarna beda d-diq.

U mat-tokki tqal tal-qanpiena, li ta' mewtek taw l-aħbar,
bkew qrabatek u bkew ħbiebek, weġġgħet qalbna b'dan l-imrar.

Ghalkemm forsi din it-tifkira, demgħa tniżżel ma' ħaddejna,
il-kuraġġ u ż-żelu tiegħek, dejjem f'qalbna aħna żammejna

Sa mill-bidu li sirt membru ta' dan il-Korp inti emmint,
F'dak il-kliem f'qalbek mirquma 'O Mulej mexxina INT'.

Wegħda vera int ħaddant u kont sod fil-lealta',
Int bqajt samm bla ma tiċċaqlaq sal-mument tal-verita'.

Mark, Ħabib, għażiż kollega, insellimlek f'din il-ġurnata,
Ħarsti titla' lejn is-sema u narak fjur fi ħdan l-Annunzjata.

U quddiem dan il-mafkar tiegħek, aħna lkoll hawn miġburin,
B'ħeġġa ntennu b'vuċi waħda 'O Mark, bik aħna kburin'.

*Supretendent Raymond Vella Gregory*
*4 ta' Marzu, 2006*






# Parteċipazzjoni ta' Pulizija Malti fin-nofs maratona ġewwa Rotterdam

Mhux l-ewwel darba li membru mill-Korp jieħu sehem f'xi attivita' soċjali u għas-Surġent 765 Sammy Attard kienet esperjenza indimentikkabli meta kien fost l-1,465 atleta li ppartecipaw fit-tieni edizzjoni tal-Fortis nofs maratona ġewwa Rotterdam, l-Olanda fil-11 ta' Settembru, 2005.

Wara jiem ta' taħriġ u sagrifiċji, s-Surġent Sammy mar l-Olanda flimkien ma' 3 membri oħra mill-Attard Athletic Club sabiex jieħdu sehem f'din il-maratona li kienet twila 21 kilometru.

It-tluq ta' din in-nofs maratona kien minn Coolingel, post fil-qalba taċ-ċentru ta' Rotterdam. It-temp ma kienx xi wieħed favorevoli u għal kuntrarju ta' dak li wieħed jistenna f'postijiet bħal dawn, il-ġurnata tal-maratona kienet waħda sħuna ħafna u għalhekk telfet xi ftit mill-konċentrazzjoni ta' l-atleti Maltin.

Għalkemm is-Surġent Sammy huwa regolari fi tlielaq lokali, din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu barra minn Malta.

Esperjenza indimentikabbli għal dawk kollha li ħadu sehem kienet il-parteċipazzjoni tal-pubbliku li qatt ma ħallew lil atleti waħidhom tul it-tellieqa kollha.

Nifirħu lis-Surġent Attard fejn kiseb prestazzjoni tajba f'din it-tellieqa fejn f'ħin ta' siegħa u ħamsa u tletin minuta u tlieta u tletin sekonda huwa daħal fil-




227 post fost 1,465 parteċipant. Prosit tassew u awguri għal futur.



**Portelli & Brincat Ltd**

**NEW**

Panel Blinds

Panel blinds are especially made for wide doors and windows. They can be drawn on either side or middle open.

New Retail Outlet:
Naxxar Road,
San Gwann
(Near BOV)
Tel: 21 373103

Also available a range of Micro, Vertical and Roller Blinds

Factory & Office:
M1A, Triq il-Kukkanja, St. Venera HMR 07
Tel: 21 488119, 21 482831 Fax: 21 494912
Retail Outlets: St. Venera Tel: 21 240001,
Fgura Tel: 21 691029, Mosta Tel: 21 433975

Web Site www.portelliandbrincat.com.mt
E-mail sales@portelliandbrincat.com.mt



CARINI STORES LTD.

*Importers of Bathroom Suites, Ceramic Tiles, General Building Material*

OFFICE & SHOWROOM
435, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA HMR18
Tel: 21440202, 21449641 Fax: 21482849
email: carini@maltanet.net







GROHE
WATER TECHNOLOGY

*Bathrooms and tiles with a touch of elegance and imagination from renowned designers*



Msida multi-level intersection



St. James Art Centre, Valletta



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



Msida multi-level intersection

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
• Tel: 21 573093, 21 572666 • Fax: 21 575562

# In-namur għat-Tila











Il-Kuntistabbli PC396 Saviour Baldacchino mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga, tul ix-xahar ta' Diċembru 2005, tella' esebizzjoni ta' xogħolijiet ta' arti fil-gallarija ta' l-arti Last Touch Gallery li tinsab il-Mosta.

Il-ħżuż u pitturi ta' Saviour jmorru lura għal meta hu kien għadu tifel. Ta' min wieħed jgħid li fl-ebda stadju Saviour ma studja l-arti, iżda l-kilba lejn l-istess arti għalmitu li biex iġib it-teknika sewwa u kif jixtieq, huwa kellu jesperimenta u josserva l-ambjent ta' madwaru.

Il-paċenzja u d-dedikazzjoni ta' Saviour wasslet sabiex jesebixxi x-xogħlijiet tiegħu, fejn dawn ġew milqugħa tajjeb b'kummenti nkoraġġanti, saħansitra minn kritiċi ta' l-arti kif ukoll minn artisti stabbiliti kif ukoll mis-superjuri tiegħu.

Saviour jippreferi t-teknika magħrufa bħala *Acrylic and mixed medium* u meta staqsejnieh x'jispirah bi tbissima wieġeb li .. *fuq il-kanvas il-muża tigwida l-idejn*. Preżentament l-aktar xogħol għal qalbu hi biċċa arti astrattta bl-isem ta' 'Emikranja'.

Saviour Baldacchino daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-24 ta' Marzu, 2000, u kien stazzjonat fl-Ewwel Distrett. Serva fit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni, eżattament fl-Uffiċju fejn ikunu reġistrati l-visas u minn Marzu ta' tliet snin ilu beda jaħdem fit-Taqsima ta' Kontra d-Droga.

# Attivitajiet tal-Milied 2005




TOWER CRANES
SALES, RENTALS & SERVICE
IMPORTERS OF A WIDE RANGE OF NEW AND SECOND HAND CONSTRUCTION HOISTS , TOWER CRANES AND PARTS.
MOBILE CRANE HIRE SERVICE ALSO AVAILABLE
Y&P Your Partner
MARKETING (MALTA) LTD.
TEREX COMEDIL
BAODA HOISTS
WEIGHLOAD SYSTEMS
Triq Wied il-Ghasel, Burmarrad Limits of Naxxar
Tel: 2158 4815 Fax: 2158 4816 E-mail: info@ypmalta.com


What TOTAL Quartz brings
to competition driving,
your engine can enjoy every day.
Our range is available from
Petrol Stations & Automobile Centres
Trade Enquries:
POWER PLAN LIMITED
TEL: (356) 21 499750 FAX: (356) 21 448702
E-mail: totalmlt@maltanet.net
TOTAL


RAUSI
INSURANCE AGENCY LIMITED
Llody's Correspondent, Agents for Atlas Insurance Limited - Licensed & Authorised by MFSA
OUR NAME IS YOUR GUARANTEE
SOME CLASSES OF INSURANCE TRANSACTED:
Motor · Household · Travel · Personal Accident
Fire & Special Perils · Theft · Industrial all Risks
Hoteliers all Risks Consequential Loss · All Risks-
Personal Effects · Money · Plate Glass · Goods in
Transit · Employer's Liability · Public Liability
Engineering Works · Electronic Equipment Marine
Cargo Yachts and Motor Boats
G.B. BUILDINGS, 28, TRIQ IL-WATAR, TA' XBIEX
(corner with Abate Rigord Street & above Opel Showroom)
Tel: 2133 0790, 2133 0810, 2133 0815,
2133 0821, 2133 0826 Fax: 2133 0792 Email: info@rausinsurance.com.mt Website: www.rausinsurance.com.mt


arena
SWIMWEAR SPORTSWEAR
FOR ALL AGES
Arena Sports Shop
National Pool Complex, Gzira
Tel: 2133 4200 Mobile: 9947 1572
Email: arenaspt@maltanet.net
Monday to Friday:
10:00am - 7:00pm
Saturday:
9:00am - 2:00pm
ON PRESENTATION
OF THIS ADVERT
15%
DISCOUNT


hans
menswear
GERMAN & ITALIAN
MEN'S FASHION AT ITS BEST
64, south street valletta - malta
tel: 21 222268 fax: 21222269 email: hansmenswear@euroweb.net.mt


M.DEMAJO
group
Snap+ Silent:
The Most Silent Laminate Flooring In Its Class
KAINDL
FLOORING
s-n-a-p+
silent
M. Demajo (Timbers) Ltd, A Member of The M. Demajo Group, Olive Square, Qormi - Tel: 21 487078 Fax: 21 498404
Suppliers of Laminated, Synthetic Bamboo & Rubber Flooring.



Ex Insp. D.Bugeja
I.P.A. National
Treasurer

*Dear Members.*

With God's will we have started another year and by the time this publication reaches you we would have nearly gone through one quarter of the year. With regards to our Association we can say that the past year has been quite a positive one, however one must also admit that with a bit of more determination and goodwill, more could be achieved. Since we believe that we can organise more for our members, as from the beginning of the year we started working to organise a 'clay pigeon shooting competition'. This competition is due to take place next month. Another objective for this year is to find an efficient way how we can communicate with all our members. The monthly e-News is reaching well those who are connected to the IT system, however for those who do not use this modern means of communication, we still have to reach them the same. To improve the situation as from April, every four months, we intend to post to our members copies of the e-News, which we would have already circulated through the IT systems. As to those members who are in possession of an e-mail address and we are not aware, please give us this information, thus avoiding us unnecessary extra work and cost.

During the past year we had quite a number of requests to render assistance to visiting IPA guests, and from the comments and appreciation messages received we believe that we have done a good job. 'Warm hospitality' has always been a Maltese characteristic, and as IPA Malta section we still try to keep it up. Unfortunately we had a few local members who after being abroad they have remained a bit disappointed, since they were not met as expected, although the necessary information was passed on to the respective Section/s, a good time before hand. Such things do happen, however we should not react negatively, since in most cases requests for assistance have been fulfilled. On the occasion of the annual 'retired policemen reunion' held at PHQ on the 8th January, the committee invited as our guest an IPA member, ex police inspector Detlev Dauda from the Federal Republic of Germany, who at the time was in Malta.



**Accommodation**: We have been informed that Section Italy has a new accommodation for IPA use in Rome at Via Albano 48/N 00182, which consists of a flat, 2 double bedrooms, dining room with 2 single beds, kitchen and bathroom. The flat is situated in an area well served by shops and public transport, within easy reach of the city, the central railway station and the Vatican City. House Manager is Mrs. Paola Marconcini Via Tranto, 21 Rome 00182. Tel. 0039 06 7045 2953.

**A white collar IPA Member:** During the Executive meeting held on the 16th December, after considering Article 3 – Membership para. 3, it was unanimously accepted that the Police Chaplin, Rev. Father Raymond Bonnici becomes the first IPA member, who is not a police officer. However having said so, within the Malta Police Force the police Chaplin holds the honourable rank of superintendent. Rev. Raymond was given I.D. card No. MT-1, an ID number that has never been issued before. On behalf of all members we welcome Rev. Fr. Raymond to our Association and we are sure that he will be giving us a good helping hand.

**Invitations:** For 2006 we have already received a number of invitations to pass them on to our members.

Italy – Jesolo Lido Venice. The Italy


EUROBRIDGE SHIPPING SERVICES LTD
PROVIDE:
✓ THE CHEAPEST but FASTEST freight forwarders
✓ Weekly shipping link with Italy, UK and the North Continent
✓ Customs clearance
✓ Door-to-door service
✓ Full load and groupage cargo at competitive rates
43 Fisherman Street, Marsa.
Tel: 21 223097-8 Fax: 21 242028
E-mail: ebss@eurobridge.com.mt


Pernicotti
cicciobello
Bimbo
Ovetti
CIOCCOLATINI
200 g
MARVEL
TRADE ENQUIRIES
REDOCTOBER
COMPANY LIMITED
272, Mdina Road, Qormi, QRM 08.
TEL: +356 21470400 FAX: +356 21470300
E-mail: carlosc@onvol.net


exotique
NEW RELEASES
arctic monkeys
Amore
andrea bocelli
MUSIC CDS
ROME TOTAL WAR
GOLD EDITION
ROME TOTAL WAR BARBARIAN INVASION
GOAL! THE DREAM BEGINS
Harry Potter
DVDS
THE WORLD OF Harry Potter
IPOD NANO
PC GAMES
www.exotique.com.mt
SLIEMA - 21331775
BALZAN - 21446159
ENERGY - 21241349
AIRPORT - 21673163
BAY STREET - 23721600
CITY GATE - 21237062
ARKADIA (Gozo) - 21558333
HAMRUN - 21224605
NOW OPEN IN PJAZZA SAVINA VICTORIA GOZO TEL: 21562998

Section has sent an invitation for the VI Inter Week for Police Forces from the 5 12 June.

**Greece:** Friendship week in Alexandroupolis from the 20th to 26th June.

**Slovenia:** International World Congress from the 19th to 24th Sept.

**Cyprus:** EU IPA Sections meeting in Cyprus – from the 18th – 21st May 2006

**Israel:** IPA Mediterranean Sections meeting - dates to be notified in due course.

**Alan Carter in Malta:** During the week 17th –24th October we had the pleasure to welcome among us Alan and Mary Carter the former IPA International Secretary General. During their stay on the Island our friends were met by members of the Executive Committee, who apart from exchanging IPA views, gave them also indications about the Island and places of interest to visit. On Sunday 23rd our friends were taken to PHQ and after attending for the 9a.m. Mass they met members of the local section. Later on, they were taken for an excursion to Marsaxlokk, a very popular and artistic fishing village. The day turned out to be extremely warm and sunny, making the walk along the seaside and the Sunday market stalls very pleasant and interesting. Being their first visit to Malta, our friends were very much impressed with what they have seen and on the other hand we were pleased to have them with us. Before leaving Alan was presented with a 40th Anniversary commemorative plate.





**Annual Meeting of the International Social Commission:** It is with great pleasure to inform you that after contacts held in Dublin during the IEC meeting, the Chairperson of the ISC Ioannis Panoussis, confirmed with the Executive committee, that this year his Commission had decided to hold it's meeting in Malta, between the 6th and 9th April 2006. The International Social Commission is made up of Zdenko Primzmic Zdank, Jin Mcdonald, Demetriov Demetris, Denis Nadeau, Rosario Cutelle and Ioannis. This is a great honour and satisfaction for us as a Section that a number of friends have decided to come to Malta to work here with us. Off course apart from work, as a Section we intend to make it a point that our guests will have the opportunity to visit places of interest and enjoy our traditional hospitality. Arrangement have been made for the Commission to meet the Hon. Deputy Prime Minister and Minister of Interior Dr. Tonio Borg LL.D. and the Police Commission Mr. John Rizzo.

**Membership Renewal Lottery 2005:** As we have announced in our December IPA e-News, the winner of this Membership Renewal lottery is Thomas Pirotta who joined our Association only last year. On Sunday 8th January Thomas was presented with the mobile phone Sony Ericsson, kindly donated to us by Vodafone (Malta). Thomas received the gift from the Secretary General Romeo Micallef in the presence of Dione Bugeja and Joseph Mamo. Whilst congratulating Thomas and Jurgen who received a Museum book, we encourage our members to call at the IPA office and collect their 2006 stamp. Next lottery will take place on the occasion of our 42nd Anniversary.

*The Executive Committee would like to take this occasion to wish all our members and their families a Happy Easter.*

# Għaqda Pulizija Pensjonanti



ex Spettur A. Debattista
Assistent Segretarju u PRO
ta' l-Għaqda Pulizija
Pensjonanti



Buffet Lunch



## BUFFET LUNCH

L-akbar numru s'issa (164) ta' membri ta' l-Għaqda, familjari u ħbieb, attendew għal Buffet Lunch li l-Kunsill organizza fir-Restaurant tal-Lukanda Topaz, Buġibba, nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2005.

Dan il-post kien magħżul mill-Kumitat organizzattiv bħala apprezzament ta' l-għajnuna li s-Sinjura Josephine Fenech tatna fi żmien meta konna qegħdin norganizzaw l-attivitajiet tal-25 sena Anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda tagħna.

Kienet serata pjaċevoli li għaliha attendew ukoll għadd ta' membri ġodda mal-familjari u ħbieb tagħhom

## ATTIVITA' GHAL MEMBRI LI RTIRAW MIS-SERVIZZ TAL-KORP

Bħalma saret l-użanza li beda l-Kummissarju is-Sur John Rizzo, numru mdaqqas ta' membri li temmew is-servizz tagħhom fil-Korp tal-Pulizija ġiet organizzata għalihom u n-nisa tagħhom attivita fid-Depot tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2005.

L-ewwel saret quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Kappillan tal- Korp, Fr. Raymond Bonnici OFM li fiha ingħatat lilhom Barka speċjali hekk kif intemmet il-quddiesa.

Wara sar riċeviment mgħoti mill-Kummissarju fl-Officers' Mess fejn is-Sur Rizzo, wara kelmtejn ta' l-okkazzjoni, li fihom irringrazzja lil membri preżenti għas-servizz twil u dedikat li huma taw lil-Korp u lil pajjiż, ippreżenta lil kull wieħed bi plakka kommemorattiva bl-arma tal-Korp u dedika ta' l-okkazzjoni.

Kif nagħmlu f'okkazzjonijiet bħal dawn, fuq l-istedina ta' l-istess Kummissarju, it-Teżorier (Joe Calleja) u l-Asst. Seg/PRO (Alfred Debattista) attendew għal din l-



attivita, introduċew l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti lil dawk preżenti u rreġistraw ħafna minnhom bħala membri ġodda ta' l-Għaqda. Kien hemm minnhom li diġa kienu membri fl-Għaqda.



Nazzareno Vassallo Award

## NAZZARENO VASSALLO AWARD

Fuq stedina tal-Kumitat Organizzattiv maħtur mid-diriġenza tal- CARE Malta, l-

Għaqda tagħna ġiet innominata ma għadd ta' Għaqdiet oħra għan Nazzareno Vassallo Award.

Dan l-Award twaqqaf snin ilu biex jippremja lil dawk l-individwi u Għaqdiet li jagħtu servizz u ħidma voluntarja fil-qasam u l-kura ta' l-Anzjani.

L-unur, din is-sena, intrebaħ mill-Floriana Senior Citizens .

Nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2005, f'Villa Messina, ir-Rabat, saret ċerimonja qasira li fiha, l-Ing. Alexander Stantner ta' CARE Malta, ippreżenta memento lir-rappreżentanti ta' l-Għaqdiet parteċipanti, bħala tifkira ta' l-okkażżjoni.

Fir-ritratt, is-Sur Louis Muscat, Segretarju Ġenerali ta' l-Għaqda, jidfher jirċievi l-memento minn għand is-Sur Stantner.

## ATTIVITA TA' L-EWWEL TAS-SENA



Bħalma jagħmel kull sena, il-Kummissarju, is-Sur John Rizzo għoġbu jistieden lil-membri ta' l-Għaqda tagħna u n-nisa tagħhom għall-attivita' tant popolari u mistennija ta' l-Ewwel tas-Sena li saret fid-Depot tal-Pulizija, nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2006.

Saret quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Kappillan tal- Korp, Fr. Raymond Bonnici OFM u fi tmiemha ta barka speċjali u lil 28 membru ieħor li għadhom kif irtiraw mill-Korp.

Wara, fis- Sala Vilhena, sar riċeviment li matulu saru diskorsi ta' l-okkażżjoni mill-Kummissarju u mis-Sur Joseph M. Azzopardi, President ta' l-Għaqda.

Is-Sur Rizzo ħa wkoll l-okkazzjoni li jindirizza u jippreżenta plakka ta' tifkira lil dawk il-membri, preżenti, li kienu rtiraw mis-servizz tal-Korp f'dawn l-aħħar xhur.

Kemm għal quddiesa kif ukoll għar-riċeviment attendew mijiet ta' pensjonanti, membri tal-Għaqda flimkien man-nisa/irġiel tagħhom.

## RIĊEVIMENT GĦAL-PENSJONANTI GĦAWDXIN

Bħalma sar f'Malta, anke l-Pensjonanti tagħna Għawdxin ġie organizzat għalihom, u n-nisa tagħhom, riċeviment ta' l-Ewwel tas-Sena, offrut ukoll mis-Sur John Rizzo, Kummissarju.

Din l-attivita saret fil-Maxtura Restaurant, Marsalforn, nhar it-Tlieta, 3 ta' Jannar 2006 u li għaliha attendew numru sabiħ ta' pensjonanti.

Fuq nota ferm sabiħa u unika, kellna l-okkazzjoni li niltaqgħu u nifirħu lil Mons. Mario Grech li għadu kif inħatar bħala l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex.

Għal min ma jafx, Mons. Grech huwa t-tifel tal-pensjonant Għawdxi, ex-PC 837 George Grech, li serva fil-Korp għal 25 sena bejn l-1952 u l-1977 wara li serva fil-Belt Valletta, is-Siġġiewi u fit-Traffiku qabel ma ġie ttrasferit f'Għawdex .

Mons. Isqof Grech iltaqa' mal-Kummissarju u s-Sinjura Rizzo, kif ukoll mar-Rappreżentanti ta' l-Għaqda, is-Sur Joseph M. Azzopardi (President) u s-Sur Louis Muscat (Segretarju Ġenerali).

Ikun ta' pjaċir għalina li f'ħarġa oħra, meta Mons. Mario Grech ikun ħa l-pussess uffiċjali tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex. li nagħtu aktar tagħrif dwar il-familja Grech li, minbarra George, kellhom ukoll membru ieħor li wkoll serva fil-Korp tal Pulizija.



L-isqof il-Ġdid ta' Għawdex Mons. Mario Grech flimkien mal-President u Segretarju ta' L-Għaqda u n-nisa tagħhom.



L-MEP is-Sur Joseph Muscat f'diskussjoni ma membri tal-Kunsill ta' l-għaqda 13 ta'Jannar 2006

## LAQGĦA MAL-MEP JOSEPH MUSCAT

Nhar il-Gimgħa 13 ta' Jannar 2006, il-Kunsill ta' l-Għaqda kellu laqgħa mportanti mal-Membru Parlamentari Ewropew is-Sur Joseph Muscat fis-Social Club, fil-Menqa (Marsa)

Miegħu ġew diskussi punti u materji li jirrigwardjaw il-Pensjonanti tagħna, bħalma huma pensjonijiet u affarijiet oħra konnessi, fid-dawl ta' dak li jsir f'pajjiżi oħra Ewropej.

Kienet diskussjoni nteressanti li matulha ġejna mwiegħdin 'follow-up', li għandu jitwasslilna fil-ġimgħat li ġejjin.

## SĦUBIJA FL-GĦAQDA

Mill-Kummenti li kellna waqt ir-riċeviment ta' l-Ewwel tas-Sena, innutajna li għad hawn pensjonangti li għadhom bl-ideja li meta jħallsu is-Lm6 tal-Mutual Help Association għand PS Joe Mamo, ikunu awtomatikament membri ta' l-Għaqda tal-Pensjonanti.

**Din hija ideja żbaljata.**

Min ikun irid jidħol membru fl' Għaqda tagħna għandu juri fehmtu billi jikkuntattja lis-Segretarju, is- Sur Louis Muscat fuq Tel. 21455189 jew lil xi membri ieħor tal-Kumitat. Il-ħlas tas-sħubija huwa biss ta' Lm1 fis-sena.

Min jixtieq, jista' jħalli nota bid-dettalji tiegħu u l-ħlas dovut, lil PS Joe Mamo meta jmur iħallas is-Lm6 tal-Mutual Help Association.



Ex PS 974
Godfrey Camilleri
1946 – 2005
1967 – 1992



Ex PS 1003
George Galea
1930 – 2005
1957 – 1982



Ex PS 973
Charles Fava
1934 – 2005
1952 – 1977



Ex PS 920
Emmanuel Bianco
1931 – 2005
1951 – 1974



Ex PS 780
Emmanuel Bezzina
1932 – 2005
1954 – 1981



Ex Supt.
Louis M Micallef
1911 – 2005
1934 – 1971

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Ex. WPC 3
Joan Busuttil
nee Cuschieri
1935 – 2005
1956 – 1958



Ex PS 326
Joseph Azzopardi
1915 – 2005
1933 – 1961

IL-PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS



Ex. PC181
Carmelo Vella
1918 – 2005
1945 – 1962
(Gozo)



Ex. PC 1157
Michael Angelo Calleja
1943 – 2005
1965 – 2003
(Gozo)



Ex. PC660
Muscat Francis
1924 – 2005
1950 – 1977
(Gozo)



Ex. PC422
Joseph Attard
1922 – 2005
1940 – 1968
(Gozo)




PREMIUM BRANDS FROM ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, ST. PAUL STREET, VALLETTA. TEL: 2123 3909, 2123 1787

# malta stock exchange



**The Malta Stock Exchange forms an important part of the local financial sector and is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre.**

## LEGAL AND REGULATORY FRAMEWORK

- Internationally recognised legislative and regulatory standards

## ADMISSION

- Simple and flexible regulations
- Fast admission process
- Competitive fees

## TRADING

- Multi-currency/multi-instrument electronic trading system
- Transparent and regulated markets
- Straight through processing
- Integrated surveillance system

## BACK OFFICE SERVICES

- Clearing and Settlement
- Dematerialised Central Securities Depository offering a variety of services
- Legal services
- Dissemination of market and company information

FIDEM INTEGRITAS PARIT

BORŻA TA' MALTA
MALTA STOCK EXCHANGE

**For further information on the organisation of the MSE, legal and regulatory framework, policies, services, statistics and other information kindly view www.borzamalta.com.mt or else contact the Exchange at: Garrison Chapel, Castille Place, Valletta CMR 01, Malta.**
**Tel: (00356) 2124 4051, Fax: (00356) 2569 6316, E-mail: borza@borzamalta.com.mt**